MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## (Sede Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2024

Rikors Kostituzzjonali Numru 559/2022 LM

**Matthew Farrugia (K.I. nru. 339177M)**

***vs.***

**L-Avukat tal-Istat; u**
**L-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors imressaq fid-19 ta' Ottubru, 2022, mir-rikorrent **Matthew Farrugia (K.I. nru. 339177M)** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrent'], fejn issottometta dan li ġej:

*"Jesponi bir-rispett;*

***<u>Fatti tal-Każ</u>***

1. *Illi l-Pulizija tal-Iskwadra kontra d-droga osservaw lir-rikorrent u lill-mara tiegħu nhar l-1 ta' Settembru, 2014 fejn innutawh jagħmel kuntatt ma' ċertu David Lee Rogers ġewwa tas-Sliema u jidħol ġewwa bitħa garaxxijiet. Illi*

*wara li r-rikorrent u l-mara tiegħu ħarġu mill-istess post huma ġew imwaqqfa ġewwa l-Coast Road fejn wara tfittxija fuq il-persuna tagħhom li rriżultat fin-negattiv huma ġew meħuda fir-residenza ġewwa Tas-Sliema fejn saret tfittxija oħra illi wkoll irriżultat fin-negattiv. Illi tfittxijiet oħrajn fil-bitħa tal-garaxxijiet ukoll irriżultaw fin-negattiv. Madankollu, meta l-Pulizija niżlu mit-taraġ ta' mal-lift, fl-istess residenza f'Tas-Sliema, ġewwa kamra żgħira sabu kaxxa kbira li fiha kien hemm boroż imdaqqsa li kien fihom madwar tmintax-il kilo sustanza suspettata* cannabis *grass.*

2. *Illi r-rikorrent ġie arrestat u tteħditlu stqarrija nhar it-2 ta' Settembru, 2014 fl-Uffiċċju tal-Ispettur Herman Mula fejn huwa ta l-verżjoni tiegħu lill-Pulizija. Sussegwentement huwa tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja nhar it-3 ta' Settembru tas-sena 2014 akkużat* inter alia *b'assoċjazzjoni għal bejgħ jew traffikar tad-droga* cannabis *u dan għall-perijodu mill-1 ta' Settembru, 2014 u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data. Illi dakinhar huwa ngħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet. Illi dawn il-proċeduri għadhom pendenti sal-ġurnata tal-lum.*

***<u>L-Ewwel Lanjanza – Id-Dewmien tal-Proċeduri</u>***

1. *Illi fil-proċeduri kriminali, il-Prosekuzzjoni ħadet madwar tliet snin, xahrejn u erbatax-il ġurnata sabiex tiddikjara li għalqet il-provi, bl-ewwel dikjarazzjoni li saret d'dan is-sens kien fil-verbal tas-17 ta' Novembru, 2016 (a fol. 441 tal-atti proċesswali);*

2. *Illi madanakollu, l-Avukat Ġenerali xorta baqa' ma għamel xejn dwar dan anzi kienet anke l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illi ġibdet l-attenzjoni tal-Avukat Ġenerali illi l-Prosekuzzjoni kienet diġà ddikjarat illi m'għandhiex xhieda oħra xi tressaq u għalhekk stiednet lill-Avukat Ġenerali jara x'irid jagħmel dwar dan (vide verbal datat 3 t'Ottubru, 2018);*

3. *Sa mill-ewwel nota, l-Avukat Ġenerali iddeċieda juża l-proċedura tar-rinviju stabbilita fl-artikolu 405 tal-Kap. 9. Fir-rinviji tiegħu l-Avukat Ġenerali baqa' jinsisti li l-Qorti tisma' kull prova oħra li ġġib il-Pulizija wara li l-Pulizija eżawriet il-provi tagħha u ddikjarat, għal iktar minn darba, li għalqet il-provi. Illi kien hemm dewmien ta' aktar minn ħames snin u dana meta l-Prosekuzzjoni ddikjarat il-provi magħluqa ħmistax-il darba (15) vide verbali datati 17 ta' Novembru, 2016, 9 ta' Frar, 2017, 21 ta' Marzu, 2018, 25 ta' April, 2018, 6 ta' Ġunju, 2018, 18 ta' Lulju, 2018, 3 t'Ottubru, 2018, 7 ta' Novembru, 2018, 3 ta' Lulju, 2019, 18 ta' Settembru, 2019, 16 ta' Novembru, 2021, 15 ta' Marzu, 2022, 26 ta' April, 2022, 1 ta' Ġunju, 2022, 5 ta' Ottubru, 2022;*

4. *Skont l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem:* "Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu, **<u>jew ta'</u>**

**xi akkuża kriminali kontra tiegħu**, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku **fi żmien raġonevoli** minn Tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf bil-liġi."

5. *L-istess jistipula l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi:*

   "Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, **jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli** minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."

6. *Illi l-ħtieġa ta' smigħ xieraq, għeluq żmien raġonevoli fil-każ ta' proċedura kriminali fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni* "is to guarantee that within a reasonable time, and by means of a judicial decision, an end is put to the insecurity into which a person finds himself as to his civil law position or on account of a criminal charge against him; in the interest of the person in question as well as of legal certainty. This rationale entails that the provision also applies in cases where there is no question of detention on remand." *(Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit., 2006), pg. 602-603);*

7. *Illi hawn huwa opportun illi ssir referenza għal dak li ġie ritenut fis-sentenza* ***"John Saliba vs Avukat Ġenerali et"*** *(P.A. [S.K.] [GCD] Rik. Nru. 625/97/GCD – 24 ta' April, 1998):* "Għalkemm huwa minnu li ma hemmx kriterju astratt dwar meta ż-żmien jibda jitqies bħala twil biżżejjed, għax '*the reasonsable of the duration of proceedings covered by Art. 6 […] must be assessed in each case according to the circumstances' (Konig vs Germany),* madanakollu meta ż-żmien prima facie jidher twil, bħal ma indubbjament huwa fil-każ tal-lum, ikun imiss għall-Istat intimat li juri li kien hemm ċirkostanzi li jiġġustifikaw dan id-dewmien (Santilli vs Italy, 19 ta' Frar, 1991 [ECHR – A 194 - D]";

8. *Illi inoltre fis-sentenza datata 14 ta' Novembru tas-sena 2002, fl-ismijiet* ***Central Mediterrenean Development Corporation Ltd vs Avukat Ġenerali,*** *il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) għamlet referenza għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea u awturi barranin li saħqu li sabiex jiġi stabbilit jekk kienx hemm dewmien li mhux raġonevoli, hemm bżonn li jiġu kkunsidrati t-tliet fatturi segwenti:* ***(a) il-komplessità tal-każ; (b) l-imġiba tal-Qorti; (ċ) l-imġiba ta' min ikun qed jagħmel il-lament.***

9. *Illi għalhekk meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern u jkejjilhom mal-kriterji hawn fuq imsemmija, wieħed ma jistax jasal għal fehma li kien hemm dewmien ġustifikabbli fis-smigħ ta' dan il-każ jew li tali dewmien kien attribwibbli lir-rikorrenti;*

10. ***Illi għaldaqstant jirriżulta illi f'dawn il-proċeduri r-rikorrenti qed isofri minn ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, minħabba d-dewmien surreferit.***

***It-Tieni Lanjanza – L-ordni ta' friżar***

1. *Illi r-rikorrenti ilu milqut b'ordni ta' friżar sa mit-3 ta' Settembru, 2014 b'dana illi skont il-liġi u ċioe l-Artikolu 5 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 23A (2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li jiġu sekwestrati f'idejn terzi b'mod ġenerali l-flejjes u proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil/jew ikunu jmissu lill-esponenti u pprojbiet lill-esponenti milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà tiegħu u dan mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-esponenti illi jirċievi l-ammont annwali ta' tlettax-il elf, u disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena;*
2. *Illi l-esponent jagħmel referenza għall-artikolu 5(b) tal-**Att tal-1994** kontra l-*Money Laundering *b'enfasi għall-proviso li jgħid hekk:*

   "Iżda l-qorti għandha f'dak l-ordni tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lil jew jiġu riċevuti mill-akkużat fil-waqt li jkun qed iseħħ dak l-ordni, fejn jiġu speċifikati l-għejjun, il-mod u l-modalitajiet l-oħra ta' ħlas, inklużi salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jitħallsu lill-akkużati, sabiex huwa u l-familja **tiegħu jitħallilhom għajxien deċenti f'ammont, fejn ikun hemm mezzi biżżejjed, ta' sitt elef lira Maltija fis-sena**;
3. *Illi għalhekk jekk wieħed jikkonverti l-ammont ta' sitt elef, hekk kif imsemmi fl-Att supra riferit introdott fl-1994 għall-munita tal-ewro, wieħed jasal għas-somma ta' EUR 13,976.24 ossia għall-istess somma ta' flus imsemmija fl-Artikolu 5 tal-Kap. 373 illum il-ġurnata;*
4. ***Illi għaldaqstant dan ifisser illi għal-Leġislatur, l-istess ammont ta' flus illi lura għall-1994 kien jikkostitwixxi ammont suffiċjenti sabiex wieħed ikollu għajxien diċenti huwa l-istess ammont illi wieħed għandu bżonn illum il-ġurnata sabiex ikollu l-istess għajxien diċenti, ossia 28 sena wara**;*
5. *Illi s-sitwazzjoni preżenti għalhekk tippreġudika d-drittijiet tal-imputat, qua esponent, u dana stante illi tali ammont ċertament ma joffrix għajxien diċenti lill-imputat fid-dinja tal-lum għal diversi raġunijiet:*
   a) *Skont il-leġislatur dak li akkużat kien kapaċi jixtri sabiex jgħajjex lill-familja tiegħu 28 sena ilu bl-ammont ta' sitt elef Lira Maltija huwa l-istess daqskemm l-imputat kapaċi jixtri għall-familja tiegħu bl-ammont ta' EUR 13,976.24 illum il-ġurnata;*
   b) *Illi l-leġislatur jinjora kompletament l-għoli tal-ħajja illi seħħ matul iż-żmien u dana meta wieħed iqis anke l-leġislazzjoni sussidjarja 452.65*

*tal-Liġijiet ta' Malta ossia l-Ordni ta' Standard Nazzjonali dwar Żieda fil-Paga. Jekk wieħed iħares lejn l-Iskeda B tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.65 jirriżulta illi fuq medda ta' 14-il sena u ċioe mid-data tal-implementazzjoni tal-Att XXIX tal-1994 sad-data meta ġiet imposta l-ordni ta' friżar fuq ir-rikorrenti, in-neċessitajiet bażiċi tal-ħajja waħedhom għolew bl-ammont ta' €2,786.16 (għal kull persuna individwalment);*

c) *Illi meta l-akkużat jiġi affaċċjat b'tali akkużi ma jkollux biss l-ispejjeż biex jgħajjex lil familtu iżda jkollu wkoll spejjeż legali u spejjeż oħra anċillari ma' tali akkużi illi jkollu jħabbat wiċċu magħhom u dan minkejja l-fatt illi jkun għadu preżunt innoċenti;*

d) *Illi l-istess liġi lanqas biss tikkonsidra jekk wieħed ikollux spejjeż ulterjuri bżonnjużi u mhux kapriċċjużi għall-għajxien diċenti tiegħu, bħal per eżempju mard u spejjeż ta' trattamenti mediċi;*

6. *Ir-rikorrenti jistaqsi jekk il-ħajja togħla, l-għoli tal-ħajja ma jolqotx ukoll kull persuna preżunta innoċenti illi qiegħda taffaċċja akkużi ta' ħasil ta' flus jew* a contrariu sensu *dawk l-imputati jgħixu f'dinja għalihom fejn l-għoli tal-ħajja ma jaffettwahomx?*

7. ***B'kull dovut rispett imma l-ammont massimu lill-esponenti jista' attwalwment jipperċepixxi ossia dak ta' EUR 13,976.24 ċertament ma jippermettilux ikompli jkollu għajxien diċenti liema prinċipju jilledi l-intiża ta' dak ċitat supra u in oltre jikkrea żbilanċ u nuqqas ta' proporzjonalità bejn dik il-persuna li ġiet akkużata fl-1994 u l-esponenti illi ġie akkużat fl-2014;***

8. *Huwa ben stabbilit kemm mill-ġurisprudenza nostrana kif ukoll minn dik tal-Qrati Ewropej illi l-impożizzjoni ta' ordni ta' Friżar timplika n-neċessità li jikkontrolla u mhux li ċċaħħad lill-imputat mill-użu u l-pussess ta' ħwejġu – dan jirrikjedi t-test tal-proporzjonalità. Fl-isfond tas-suespost ir-rikorrenti jagħmel referenza għal dak deċiż fil-kawża Shorazova vs Malta nhar it-3 ta' Marzu, 2022 mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u Apostolovi vs. Bulgaria deċiża mill-istess Qorti nhar is-7 ta' Novembru, 2019 fejn il-Qorti spjegat illi l-ordni ta' friżar tal-assi għandu jkun wieħed li joħloq proporzjonalità bejn l-assi effettivament suġġetti għal din l-ordni u dawk li effettivament mhumiex ta' bżonn u l-iffriżar tagħhom ikun jikser id-drittijiet fundamentali tal-bniedem;*

9. *Illi ssir referenza ukoll għall-Artikolu 25 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem proklamata mill-Assemblea Ġenerali fl-10 ta' Diċembru, tal-1948 li Malta hija tagħha firmatarja:*

Everyone has the right to a standard of living adequate for the health and well-being of himself and of his family, including food, clothing, housing and medical care and necessary social services, and the right to security in the event of unemployment, sickness, disability, widowhood, old age or other lack of livelihood in circumstances beyond his control.

10. *Kif sejjer jiġi amplifikat u ppruvat fil-mori ta' dawn il-proċeduri l-esponenti jemmen bis-sħiħ illi l-fatt illi l-ammont massimu perċepibbli minn imputat u li fuqu ġiet imposta ordni ta' friżar ma jirriflettix l-għoli tal-ħajja sa mill-1994 sal-lum il-ġurnata b'tali mod u manjiera illi qiegħed iċaħħdu milli jkollu għajxien diċenti qiegħed jilledi d-dritt fundamentali tiegħu hekk kif salvagwardjat mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

***<u>It-Tielet Lanjanza – Id-Dewmien tal-Proċeduri rigward l-ordni tal-iffriżar</u>***

1. *Illi mingħajr preġudizzju għal dak hawn fuq suespost, id-dewmien tal-proċeduri qiegħed ukoll jikkrea preġudizzju ieħor għar-rikorrenti, meta jiġi meqjus illi l-proċeduri kriminali ilhom għaddejjin sa mit-3 ta' Settembru tas-sena 2014 u ċioe ftit iktar minn tmien snin, illi matulhom ir-rikorrent kellu jsib mod kif jgħaddi b'EUR 13,976.24 fis-sena!*

2. *Illi proprju r-rekwiżit ta' żmien raġonevoli fi proċedimenti kriminali jfittex li jiżgura li persuni akkużati ma jitqiegħdux taħt akkuża għal żmien twil wisq u li l-akkuża tiġi determinata fi żmien raġonevoli. Dan sabiex il-persuni akkużati ma jdumux fit-tul fi stat ta' inċertezza b'rabta mar-riżultat tal-akkużi kriminali kontrihom (ara Wemhoff vs Germany, Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, 27 ta' Ġunju, 1968, § 18; Kart v. Turkey, Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bħala Awla Manja (AM), 3 ta' Diċembru, 2009, § 65);*

3. ***Illi f'każijiet bħal dak odjern, id-dewmien fil-proċeduri mhux biss jilledi d-dritt ta' persuna li l-kawża tiegħu tinqata' fi żmien ġust iżda wkoll tipprolonga l-konsegwenzi ta' ordni ta' friżar li bihom il-proprjetà kollha tiegħu tkun milquta bil-konsegwenza li persuna akkużata ma jistax jiddisponi minn ġidu kif irid għal tul ta' żmien anke jekk matul dan iż-żmien huwa għadu meqjus innoċenti f'għajnejn il-liġi****;*

11. *Fil-kejl tagħha tar-raġonevolezza taż-żmien, il-Qorti Ewropea, u bl-istess mod il-Qrati tagħna, konsistentement qieset iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ fid-dawl ta' erba' kriterji ġenerali (König v. Germany ċitata supra § 99; Neumeister v. Austria ċitata supra § 21; Ringeisen v. Austria ċitata supra § 110; Pelissier and Sassi v. France, QEDB, 25 ta' Marzu, 1999, § 67; Pedersen and Baadsgaard v. Denmark, QEDB, 17 ta' Diċembru, 2004 § 45; Chiarello v.*

*Germany, QEDB, 20 ta' Ġunju, 2019, § 45; Liblik and Others v Estonia ċitata supra § 91). Dawn huma:*

*(i) Il-kumplessità tal-każ;*
*(ii) Il-kondotta tal-persuna li qed tilmenta;*
*(iii) Il-kondotta tal-awtoritajiet rilevanti;*
*(iv) X'hemm involut għall-persuna li qed tilmenta.*

12. *Fl-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji, il-QEDB, per eżempju, qieset 10 snin (Milasi vs Italy, QEDB, 25 ta' Ġunju, 1987) u 13-il sena (Baggetta vs Italy, QEDB, 25 ta' Ġunju, 1987) bħal li huma mhux raġonevoli għall-proċedimenti kriminali;*

13. *Illi f'dan il-każ ir-rikorrent mhux biss għadu għaddej bi proċeduri kriminali, talli qiegħed jiġi mġiegħel jgħix b'ammonti miżeri tul dawn l-aħħar snin li żgur ma jistgħux jitqiesu li huma għajxien diċenti għalih u għal familtu;*

14. *Illi għalhekk, dan id-dewmien fil-proċeduri, matul liema r-rikorrent kien milqut bl-ordni ta' friżar kif spjegat fid-dettall aktar 'il fuq, sarraf fi ksur ulterjuri tad-drittijiet fundamentali tiegħu, kif sanċiti kemm fil-Kostituzzjoni u kemm permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

15. *In vista tas-suespost, issir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru, 2018, fl-ismijiet* <u>*George Tabone et vs. l-Avukat Ġenerali*</u> *fejn kien intqal:* "L-artikolu 37 iħares mhux biss kontra 'deprivazzjoni totali' tal-proprjetà iżda kontra t-teħid ta' kull interess fi jew dritt fuq il-proprjetà. Il-ius abutendi – il-jedd li tikkonsma jew tiddisponi mill-proprjetà – huwa wieħed mill-fakoltajiet ewlenin tal-proprjetà. Għalhekk, li sid jiġi mċaħħad milli jikkonsma jew jiddisponi minn ħwejġu huwa teħid ta' interess fi proprjetà, u jintlaqat mill-artikolu 37."

16. *Fis-sentenza fl-ismijiet* <u>*Paulet vs. United Kingdom*</u> *tat-13 ta' Mejju, 2014, il-Qorti Rik. Nru. 370/2021 TA Ewropea sabet illi kien hemm leżjoni tal-Artikolu 4 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea kif fuq ċitat u dan għas-segwenti raġunijiet:*

"64. It is not in dispute that the confiscation order in the present case amounted to an interference with the applicant's right to peaceful enjoyment of his possessions as protected by the first sentence of Article 1 of Protocol No. 1. Moreover, it is clear from Philips v. The United Kingdom, no. 41087/98, 51, ECHR 2001-VII, that confiscation orders fall within the scope of the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1, which inter alia, allows the Contracting States to control the use of property to secure the payment of penalties. However, this provision must be construed in the light of the general principle set out in the first sentence of the first paragraph

and there must, therefore, exist a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised (see, among many examples, Allan Jacobsson v. Sweden (no. 1), judgment of 25 October, 1989, Series A no. 163, p. 17, 55). 65. An interference with Article 1 of Protocol No. 1 will be disproportionate where the property-owner concerned has had to bear "an individual and excessive burden", such that "the fair balance which should be struck between the protection of the right of property and the requirements of the general interest" is upset (see Sporrong and Loonroth v. Sweden, cited above, 73). The striking of a fair balance depends on many factors (AGOSI v. The United Kingdom, 24 October, 1986, 54, Series A no. 108). Although the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1 contains no explicit procedural requirements, the Court must consider whether the proceedings as a whole afforded the applicant a reasonable opportunity for putting his case to the competent authorities with a view to enabling them to establish a fair balance between the conflicting interests at stake (AGOSI, cited above, 55, and Jokela vs. Finland, no. 28856/95, 55, ECHR 2002-IV).

17. *Fil-kawża fl-ismijiet <u>Filkin v. Portugal</u> deċiża fit-3 ta' Marzu, 2020 (69729/12), il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem qalet illi filwaqt li restrizzjoni temporanja fuq l-użu ta' proprjetà ta' ċittadin hija fil-kompetenza tal-Istati Membri, iridu jissussistu ċertu kundizzjonijiet bħal dik tal-interess ġenerali. Il-Qorti sabet li f'dan il-każ kien hemm leżjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni peress illi:* "Since the applicant did not benefit from the procedural guarantees that would enable him to effectively challenge the measure in question and having regard to its long period of application, the Court concluded that the applicant had been subjected to "a special and outrageous charge", which overturned the fair balance that must be struck between the legitimate general interest pursued by the authorities and the applicant's right to peaceful enjoyment of his property."

18. *Is-sentenza su-riferita fl-ismijiet <u>Filkin v. Portugal</u> ġiet ampjament ukoll ċitata fis-sentenza <u>Keith Schembri et v. L-Avukat tal-Istat et</u> deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fit-23 ta' April, 2021, u pendenti fl-appell, dik l-Onorabbli Qorti, hi u tesprimi ruħha fuq il-konsegwenzi negattivi li jġibu magħhom dawn it-tip ta' ordnijiet, irrimarkat is-segwenti: "*Il-Qorti Ewropea hemmhekk stqarret li sabiex jingħad li huma mħarsa d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, l-indħil fid-dritt tat-tgawdija tal-proprjetà kellu jkun fl-interess pubbliku u skont dawk il-kundizzjonijiet stabbiliti mil-liġi u dawk il-prinċipji ġenerali tad-dritt internazzjonali. Tenniet li l-indħil għandu jassigura bilanċ ġust bejn l-eżiġenzi tal-interess ġenerali u n-neċessità li jitħarsu d-drittijiet fundamentali tal-individwu."

19. *L-esponenti jagħmel referenza wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fis-7 ta' Frar, 2020 fl-ismijiet* Apostolovi vs. Bulgaria *u dan stante illi f'din il-kawża ġie wkoll mistħarreġ jekk Ordni ta' Friżar maħruġa waqt proċeduri kriminali kinitx tikkostitwixxi leżjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti sabet li f'dan il-każ kien hemm leżjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni peress illi: "*90. It is not in dispute that the freezing order with respect to the first applicant's assets amounted to an interference with his possessions. It was the domestic court's duty to satisfy themselves that the freezing of the first applicant's assets would not cause him more damage than that which inevitably flows from such measures."

*Għaldaqstant l-esponent jitlob reverentement lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara l-aġir tal-intimati jew min minnhom illegali u li jilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti milli jiksru l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;*
2. *Tiddikjara illi l-proviso tal-Artikolu 5(1)(b) tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta senjatament fir-rigward tal-ammont massimu illi r-rikorrenti jista' annwalment jipperċepixxi jilledi d-drittijiet fundamentali billi jiksru l-ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;*
3. *Tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu kumpens xieraq lir-rikorrenti tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha li l-Qorti tqis bħala rilevanti; u*
4. *Tiddikjara illi t-trapass taż-żmien u d-dewmien irraġonevoli li ttieħed sabiex ġew konklużi l-proċeduri kriminali surreferiti, illedew id-dritt fundamentali u kostituzzjonali tar-rikorrenti, hekk kif sanċiti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u fl-artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*
5. *Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi.*

2. Rat ir-risposta tal-intimati **Avukat tal-Istat u Avukat Ġenerali** [minn issa 'l quddiem 'l-intimati'], li ġiet ippreżentata fis-17 ta' Novembru, 2022, fejn ingħad kif ġej:

*"Jgħidu bil-qima:*

1. *Illi permezz tar-rikors kostituzzjonali tad-19 ta' Ottubru, 2022, ir-rikorrent qiegħed jikkontendi trapass ta' żmien u dewmien allegatament irraġonevoli*

*sabiex jiġu konklużi l-proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tiegħu fl-ismijiet* Il-Pulizija (Spettur Herman Mula) vs Matthew Farrugia *(Kumpilazzjoni numru 825/2014). Huwa qiegħed jallega li dewmien irraġonevoli wassal sabiex id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq a tenur tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem** u l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jkun mittiefes;*

2. *Illi r-rikorrent jallega wkoll li qed isofri minn ksur tad-dritt konvenzjonali tiegħu għat-tgawdija tal-proprjetà minħabba l-ordni tal-iffriżar li ilha tissussisti fil-konfront tiegħu sa mill-bidu tal-proċeduri kriminali li ġew istitwiti kontrih;*

3. *Illi jgħid ukoll li l-operazzjoni tal-**proviso tal-artikolu 5(1)(b) tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta** senjatament fir-rigward <u>tal-ammont massimu</u> illi huwa jista' annwalment jipprevalixxi ruħhu minnu, imur kontra **l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem**;*

4. *F'dan ir-rigward, huwa jistieden lil din l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali sabiex tiddikjara l-aġir tal-intimati illegali u leżiv tad-drittijiet fundamentali tiegħu u sabiex tiddikjara li l-**proviso tal-artikolu 5(1)(b) tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta** huwa anti-konvenzjonali. Ir-rikorrent jitlob li jingħata kumpens u r-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi;*

5. *Illi l-esponenti qegħdin tramite din ir-risposta jirrespinġu l-allegazzjonijiet tar-rikorrent u l-pretensjonijiet marbutin magħhom stante li dawn huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;*

***Eċċezzjonijiet Preliminari***

6. *Illi preliminarjament, u mingħajr preġudizzju, l-esponenti jeċċepixxu illi dawn il-proċeduri kostituzzjonali huma intempestivi, u dan għaliex il-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent għad fadlilhom jersqu għal fażijiet oħra sabiex ikunu definittivament magħluqa. Huwa għalhekk prematur li wieħed jitkellem dwar ksur tas-smigħ xieraq, meta dan id-dritt għandu jkun meqjus fl-ambitu proċedurali kollu;*

7. *Illi preliminarjament ukoll, u mingħajr preġudizzju, l-esponent Avukat Ġenerali teċċepixxi illi fejn jirrigwardja d-dewmien tal-proċeduri, hija mhijiex il-leġittimu kontradittur. F'dan ir-rigward, l-esponenti Avukat Ġenerali għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju. In parte dan huwa każ dwar dewmien irraġonevoli. Huwa paċifiku li in kwantu għal dewmien fi proċeduri ġudizzjarji tradizzjonalment kien l-Avukat Ġenerali li kien iwieġeb għalih. Wara l-emendi tal-Att 25 tas-sena 2019 ir-rappreżentanza residwali ġiet fdata f'idejn l-Avukat tal-Istat, u huwa biss hu illi għandu jwieġeb għal dewmien irraġonevoli.*

***Eċċezzjonijiet fil-Mertu***

*<u>Rigward l-allegat Dewmien</u>*

8. *Illi mingħajr preġudizzju, fil-mertu, huwa paċifiku kif konstatat anke fil-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li l-fatturi li prinċipalment għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni sabiex jiġi determinat jekk smigħ ta' proċeduri eċċediex il-parametri ta' smigħ fi żmien raġonevoli, huma:*

   *(i) Il-kumplessità tal-każ;*
   *(ii) L-aġir tal-partijiet fil-kawża, u*
   *(iii) L-aġir tal-awtorità jew awtoritajiet rilevanti – f'dan il-każ l-aġir ta' awtorità ġudizzjarja;*

9. *Illi huwa aċċettat illi ma hemm l-ebda* 'time limit' *li l-Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċeduri quddiemha għax altrimenti l-interessi tal-ġustizzja jiġu preġudikati irrimedjabbilment;*

10. *Illi sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm dewmien irraġonevoli, kull każ irid jiġi studjat fuq il-mertu tiegħu u fil-kumplessività tiegħu. Fil-każ odjern, nhar it-3 ta' Settembru, 2014, ir-rikorrent tressaq taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Hu kien mixli li f'dawn il-Gżejjer fl-1 ta' Settembru, 2014 u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data:*

    i. *Assoċja ruħhu ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħ jew jittraffika f'dawn il-Gżejjer mediċina (pjanta Cannabis), bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta jew ippromwova ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assoċjazzjoni;*

    ii. *Importa, jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tiġi importata mediċina perikoluża (pjanta Cannabis) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;*

    iii. *Biegħ jew xort'oħra ttraffika Cannabis kollha jew biċċa minnha, u dan bi ksur tal-art. 8(e) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;*

    iv. *Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-art. 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga nstabet f'ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu**.*

11. *Illi tajjeb wieħed isemmi li fil-każ odjern l-ammont tad-droga illeċita li l-imputat huwa mixli bih m'huwa xejn ħlief dak ta' **sittax-il kilo.** Kif wieħed jista' japprezza l-kawtela kollha għandha tiġi eżerċitata sabiex jiġu ppreżentati l-aħjar provi kemm favur u kif ukoll kontra l-imputat, u fl-aħħar mill-aħħar tinħareġ Att t'Akkuża biex il-kawża tipproċedi għal stadji ulterjuri skont il-proċedura kriminali;*

12. *Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkunsidra b'mod serju l-ilment dwar l-allegat dewmien, irid jiġi ppruvat illi mhux biss il-proċeduri damu pendenti, iżda li d-dewmien huwa wieħed kapriċċjuż u intiż biex jiżvantaġġa lill-imputat fit-tgawdija tad-drittijiet tiegħu skont il-Liġi. Minn dan kollu, l-esponenti jeċċepixxu li ma hemm xejn;*

13. *Illi f'dan id-dawl ma kien hemm ebda vjolazzjoni tad-dritt tas-smigħ xieraq, u dan l-ilment imsejjes fuq l-allegat ksur tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u tal-**artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea** għandu jitwarrab;*

<u>Rigward l-Ordni ta' Friżar</u>

14. *Illi ibda biex l-Ordni ta' Friżar li qiegħda tiġi attakkata mir-rikorrenti ma nħarġitx bis-saħħa tal-**Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta** għax ir-rikorrent mhuwiex akkużat b'ħasil ta' flus fil-kawża odjerna, iżda bis-saħħa tal-**Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta** u l-**Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta** għax ir-reati addebitati lilu huma kollha relatati mal-Att dwar il-Mediċini Perikolużi. Għalhekk ir-rikorrent ma jistax jilmenta mill-applikazzjoni tal-**Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta** jekk dan l-Att qatt ma ġie applikat fil-konfront tiegħu inkella tkun qed tintalab biss dikjarazzjoni fl-astratt. Dan minkejja li s-subartikolu 2 tal-artikolu 23A tal-Kap. 9 tal-Liġjiet ta' Malta jipprovdi* "... <u>**bħallikieku**</u> din kienet ordni magħmula mill-Qorti taħt l-imsemmi artikolu 5 tal-Att"*;*

15. *Illi subordinatament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-aġir tal-intimati ċertament ma kienx u mhuwiex abbużiv jew jonqos li josserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali. L-intimati aġixxew korrettement skont il-Liġi u fil-parametri imposti mil-Liġi u bl-ebda mod ma ppreġudikaw id-drittijiet tar-rikorrent;*

16. *Illi għalhekk safejn l-ilment tar-rikorrent huwa msejjes fuq l-allegat ksur tal-**ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**, l-esponenti jeċċepixxu illi r-rikorrenti ma ġarrabx preġudizzju fil-proċeduri kriminali kontrih;*

17. *Illi l-intimati formalment jeċċepixxu illi t-talba għall-imblokkar tal-proprjetà hija prerogattiva tal-Prosekuzzjoni u l-mekkaniżmu ta' kif tintlaqa' mill-Qorti huwa sanċit fil-**Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta** u fil-**Kodiċi Kriminali**. Ir-rikorrent ma ġiex mixli b'reati kwalsiasi. L-imputazzjonijiet addebitati lir-rikorrent huma ta' natura serja b'indoli finanzjarji u l-Kodiċi Kriminali, senjatament l-**artikolu 23A (1) tal-Kodiċi Kriminali** jikklassifikahom bħala reati rilevanti. A tenur tal-**artikolu 23A (1) tal-Kodiċi Kriminali**, reat rilevanti huwa reat li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja u li jġorr miegħu piena ta' sena priġuneriija jew iktar. F'dan id-dawl, jidher ċar li l-**Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta** joffri l-bażi legali għat-talba għal ħruġ ta' Ordni ta' Friżar, u jagħti l-awtorità lill-ġudikant sabiex jimblokka l-proprjetà tal-akkużat sakemm ikun hemm sentenza finali fil-konfront tiegħu. Minbarra dan l-**artikolu 22A (1) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħid li l-qorti għandha fuq*

*talba tal-Prosekuzzjoni tagħmel tali ordni meta persuna tkun akkużata taħt l-artikolu 22 tal-istess Att;*

18. *Illi* ***l-Ispettur Herman Mula li kkonduċa l-investigazzjonijiet u ppreżenta l-akkużi fil-konfront tar-rikorrent kellu kull jedd u obbligu biex fil-preżentata jitlob Ordni ta' Friżar****. L-Ordni ta' Friżar tintalab meta l-Prosekutur ikollu* a reasonable cause to suspect *li persuna hija ħatja ta' reat rilevanti, u li kieku ma kellux* a reasonsable cause to suspect*, huwa ma kienx iressaq lir-rikorrent quddiem il-Qorti Istruttorja biex jiġi ġġudikat. Kieku ma kienx hemm ħjiel raġonevoli fuq xiex isejjes* reasonable cause to suspect *ma kienx itella' provi li jikkonvinċu lill-Qorti Istruttorja biex toħroġ id-digriet* prima facie. *Di più meta l-Prosekutur talab l-imblukkar tal-proprjetà tar-rikorrent, il-Qorti kellha s-setgħa tilqa' t-talba jew tiċħadha u minflok tagħmel ordni temporanja a tenur tal-****artikolu 23A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta****. Il-liġi penali nostrana tagħti l-prerogattiva lill-ġudikant sabiex jiddeċiedi x'inhu għaqli li jsir fiċ-ċirkostanzi;*

19. *Illi skont il-****proviso*** *tal-****ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea****, l-Istat għandu kull jedd li jippromulga dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà fl-interess ġenerali. F'dan is-sens l-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesgħa sabiex jistabbilixxi liema huma dawk il-miżuri meħtieġa. Sewwasew fil-każ odjern: (i) hemm għan leġittimu li joħroġ mil-liġi, senjatament mill-****Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta*** *u l-****Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta*** *(ii) huwa fl-interess ġenerali għax huwa maħsub biex matul il-proċeduri l-akkużat ma jiddisponix mill-assi tiegħu, u biex wara li jingħata* due process *u meta u jekk ikun hemm sentenza aħħarija ta' ħtija, il-ħati ma jgawdix minn frott mhux mistħoqq. B'hekk, l-esponenti ma jarawx kif ir-rikorrent jista' b'mod konvinċenti jilmenta li ġarrab xi leżjoni tad-drittijiet tiegħu kontra l-****ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea*** *minħabba miżura kawtelatorja;*

20. *Illi sewwasew* ***Ordni ta' Friżar mhijiex piena iżda miżura kawtelatorja****. L-iskop ta' Ordni ta' Friżar huwa biex il-flejjes kollha (għajr €13,976.24 kull sena) u l-mobbli dovut lir-rikorrent jew li jappartjenu lill-akkużat u li jinsabu f'idejn terzi jiġu ffriżati. L-iskop ta' Ordni ta' Friżar hija li tipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi, jippleġġja jew jipoteka jew jiddisponi b'xi mod ieħor mill-proprjetà mobbli jew immobbli tiegħu;*

21. *Illi xieraq jingħad li minkejja li r-rikorrent iqis is-somma ta' €13,976.24 kull sena ma tippermettilux ikollu għajxien diċenti, wieħed irid janalizza l-mod ta' għajxien li kien imdorri fih qabel il-proċeduri fil-Qorti. Għandu jiġi ribadit li d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem proklamata mill-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda fl-1948, issemmi fl-artikolu 25,* "the right to a standard of living adequate for the health and well-being of himself and of his family ...". *Wieħed irid janalizza din il-frażi oġġettivament u mhux suġġettivament. Dan għaliex għal*

*min ikun imdorri fil-lussu, l-ammont mogħti mil-Liġi żgur li mhux se jissodisfah. Għal min hu mdorri bil-paga minima, l-ammont offrut mil-Liġi huwa suffiċjenti, u fil-verità iktar min biżżejjed. Di fatti, ħarsa ħafifa lejn is-sit elettroniku tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg, kif ukoll għas-sit* ***https://countryeconomy.com/national-minimum-wage/malta*** *turi, kif, il-paga minima nazzjonali hija ferm inqas mill-ammont imsemmi fil-Liġi li r-rikorrent qiegħed jattakka;*

*Rigward l-allegat dewmien tal-proċeduri vis-à-vis l-ordni ta' friżar*

22. *Illi fl-aħħar mill-aħħar, ir-rikorrent m'għandux jippretendi li ma jkollux restrizzjonijiet f'ħajtu meta huwa akkużat li kkommetta reati daqstant gravi. Is-soċjetà titlob li jittieħdu prekawzjonijiet f'ħinhom u f'waqthom iżda b'mod proporzjonat, proprju kif teżiġi l-Liġi li qed tiġi attakkata hawnhekk;*

23. *Illi jidher li* ***minkejja t-trapass taż-żmien, ġialadarba l-ammont imsemmi mil-Liġi baqa' dejjem ogħla mill-paga minima*** *u l-liġi tagħti rimedji jekk l-akkużat jiġi dahru mal-ħajt u jkun meħtieġ aktar flus għall-bżonnijiet speċjali tiegħu, l-esponenti iqisu li l-Liġi kif inhi fil-preżent mhux qed tikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif protett taħt l-**ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;***

24. *Illi* ***l-artikolu 22A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta*** *jagħti rimedji:*

"22A.(1) Meta persuna tiġi akkużata taħt l-artikolu 22, b'bejgħ jew traffikar ta' mediċina jew bi promozzjoni, kostituzzjoni, organizzazzjoni jew finanzjament ta' assoċjazzjoni taħt is-subartikolu 1(f) ta' dak l-artikolu jew bir-reat fis-subartikolu (1Ċ) tal-istess artikolu, jew bir-reat ta' pussess ta' xi mediċinali kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt dawk iċ-ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-qorti għandha fuq talba tal-Prosekuzzjoni tagħmel ordni –

...

Iżda wkoll il-qorti tista' barra minn dan –

(a) Tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni;
u

(b) Għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli.
...

(3) Il-qorti tista' f'ċirkostanzi partikolari tibdel dak l-ordni, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel għandhom japplikaw għal dik l-ordni hekk kif mibdul."

25. *Illi għall-fini ta' kompletezza jingħad ukoll li l-**artikolu 5 tal-Kap. 373** jipprospetta ukoll tliet rimedji:*

"5.(1) Meta persuna tiġi akkużata taħt l-artikolu 3, il-qorti għandha fuq talba tal-Prosekuzzjoni tagħmel ordni –

...

Iżda wkoll il-qorti tista' barra minn dan –

(a) Tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni;
u

(b) Għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli.

...

(3) Il-qorti tista' f'ċirkostanzi partikolari tibdel dak l-ordni, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel għandhom japplikaw għal dak l-ordni kif hekk mibdul."

*Fi kliem sempliċi, kemm l-**artikolu 22A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta** u kif ukoll l-**artikolu 5 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta** jikkontempla tliet rimedji separati għal ċirkostanzi differenti li jistgħu javveraw irwieħhom matul il-proċess kriminali: il-ħlas ta' kredituri* bona fide *li kellhom mal-akkużat **qabel** il-ħruġ tal-ordni ta' friżar, it-trasferiment ta' mobbli u immobbli **għal raġuni tajba,** u finalment, ir-rimedju ġenerali ta' varjazzjoni prospettat fis-subartikolu (3);*

26. *Illi dan premess, kif ser jiġi muri matul is-smigħ tal-provi, ir-rikorrenti utilizza tal-inqas wieħed minn dawn ir-rimedji u fl-4 ta' Diċembru, 2014 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja awtorizzat li l-imputat iħallas lill-Bank of Valletta s-somma mensili dovuta fuq tliet* house loans. *Għalhekk ir-rikorrent għandu juri konkretament kif dan ir-rimedju ma kienx effettiv għall-għanijiet tiegħu;*

27. *Illi fid-dawl ta' dan kollu u tal-pre-ċitati **artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 6** u l-**ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem**, l-intimati jirribadixxu illi ma kienx hemm dewmien irraġonevoli li jilledi d-drittijiet tar-rikorrenti. L-esponenti jsostnu wkoll li ma aġixxewx b'mod illegali u li jilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent. L-ordinament ġuridiku penali Malti, senjatament fil-**proviso tal-artikolu 5(1)(b) tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta** fir-rigward tal-ammont massimu illi r-rikorrent jista' annwalment jipprevalixxi ruħhu minnu, lanqas ma huwa leżiv għad-drittijiet fundamentali;*

28. *Illi ladarba ma kienx hemm leżjoni tad-drittijiet fundamentali, isegwi għalhekk li t-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom minn din l-Onorabbli Qorti;*

29. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

*Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenmti bl-ispejjeż kontra tiegħu."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat illi fl-udjenza tal-15 ta' Novembru, 2023, il-kawża tħalliet għas-sentenza, bil-partijiet ingħataw il-fakoltà li jagħmlu n-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-intimati.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

3. Fl-1 ta' Settembru, 2014, ir-rikorrent kellu l-movimenti tiegħu qegħdin jiġu osservati mill-Iskwadra kontra d-Droga. Tfittxija sussegwenti fuq il-persuna tar-rikorrent u fil-proprjetà tiegħu, it-tnejn irriżultaw fin-negattiv. Iżda meta l-Pulizija niżlu minn taraġ fil-binja fejn ir-rikorrent kien osservat dieħel meta l-movimenti tiegħu bdew jiġu osservati, dawn sabu tmintax-il kilogramma ta' sustanza suspettuża (*cannabis grass*). In segwitu, ir-rikorrent ġie arrestat, irrilaxxa stqarrija, u fit-3 ta' Settembru, 2014 dan tressaq quddiem il-Qorti akkużat b'assoċjazzjoni bi skop ta' bejgħ u/jew traffikar ta' droga, fost akkużi oħrajn. Ir-rikorrent ingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet. Ir-rikorrent istitwixxa dawn il-proċeduri għaliex il-Pulizija ħadu tliet snin, xahrejn u erbatax-il jum sabiex iddikjaraw il-provi magħluqa, u qal li l-ewwel dikjarazzjoni f'dan is-sens kienet saret fis-17 ta' Novembru, tal-2016. Qal li minkejja din l-istqarrija tal-Pulizija, l-Avukat Ġenerali m'għamel xejn, u uża l-proċedura tar-rinviju fejn insista li l-Pulizija ġġib il-provi tagħha anki wara li kienet iddikjarat li l-provi kienu magħluqa. Ir-rikorrent qal li l-Prosekuzzjoni

ddikjarat il-provi magħluqa għal aktar minn ħmistax-il darba, u dan id-dewmien mhuwiex ġustifikabbli, liema dewmien ma jistax jiġi attribwit lilu, u qiegħed iwassal għal ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, u dan bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Qal li l-Istat irid jagħti ġustifikazzjoni għal dan id-dewmien, u f'dan il-kuntest iridu jiġu eżaminati tliet fatturi sabiex jiġi stabbilit jekk id-dewmien fi proċeduri kriminali huwiex ġustifikabbli jew le, u ċjoé (i) il-komplessità tal-każ; (ii) l-imġiba tal-Qorti; (iii) l-imġiba ta' min ikun qiegħed jagħmel l-ilment.

4. Ir-rikorrent qal li bħala konsegwenza tal-arrest u tal-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra tiegħu, il-Qorti imponiet fuqu Ordni ta' Friżar b'effett mit-3 ta' Settembru, 2014, *ai termini* tal-artikolu 5 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikolu 23A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn il-Qorti ordnat li jiġu sekwestrati f'idejn terzi flejjes u proprjetà mobbli dovuti jew li jistgħu jmissu lir-rikorrent, salv għall-ammont ta' €13,976.24 sabiex ir-rikorrent ikun jista' jgħix. Qal li l-Att tal-1994 kontra l-*Money Laundering* kien stabbilixa l-ammont ta' LM6,000[1] bħala mezz finanzjarju suffiċjenti għall-għajxien diċenti f'ċirkostanzi simili, u tul is-snin dan l-ammont baqa' invarjat minkejja li għaddew tmienja u għoxrin sena mill-promulgazzjoni ta' dak l-Att. Ir-rikorrent qal li dan l-ammont ma joffrix għajxien diċenti għall-ħajja ta' persuna bħalu, li għandu diversi spejjeż legali u anċillari minħabba fil-proċeduri li qiegħed jaffaċċja, li għadu preżunt innoċenti wara dawn is-snin kollha, u li fil-frattemp kellu jagħmel tajjeb għal diversi spejjeż fosthom minħabba mard u trattament mediku. Qal li din is-sitwazzjoni kkreat żbilanċ u nuqqas ta' proporzjonalità bejn min ġie akkużat fl-1994 u min qiegħed jiġi akkużat b'reati simili fi snin riċenti, għaliex l-ammont annwu li persuna tista' żżomm sabiex tkun tista' tgħix u tgħajjex lill-familja

[1] LM6,000 huma ekwivalenti għal €13,976.24.

tagħha, baqa' l-istess minkejja ż-żieda fir-rata tal-inflazzjoni, u ż-żidiet fl-ispejjeż biex wieħed ikun jista' jgħix b'mod diċenti. Qal li l-Ordni ta' Friżar tiġi imposta biex tikkontrolla l-assi tal-akkużat, u mhux biex iċċaħħdu mill-użu u l-pussess ta' ħwejjġu, u huwa hawnhekk fejn din il-miżura tfalli t-test tal-proporzjonalità. Qal li għalhekk huwa safa mċaħħad mill-possibilità li jkun jista' jgħix b'mod diċenti, u dan bi ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

5. Ir-rikorrent qal li d-dewmien fil-proċeduri fisser ukoll li l-Ordni ta' Friżar baqgħet fis-seħħ għal dawn is-snin kollha, u tul dan iż-żmien kollu, huwa kellu jsib mod kif jgħaddi bi €13,976.24 fis-sena. Qal li d-dewmien biex tiġi determinata l-akkuża tiegħu, wasslet biex ġew ipprolungati l-konsegwenzi tal-Ordni ta' Friżar, u filwaqt li għadhom għaddejjin l-imsemmija proċeduri kriminali, huwa ġie kostrett li jgħaddi bl-ammont miżeru konċessi lilu. Qal li dan jammonta għal ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, għaliex bħala proprjetarju huwa ġie mċaħħad minn ħwejjġu, u qal li tali indħil fit-tgawdija tal-proprjetà kellu jkun fl-interess pubbliku u skont kundizzjonijiet stabbiliti fil-liġi.

6. Permezz tat-talbiet tiegħu lil din il-Qorti, ir-rikorrent qiegħed jitlobha tiddikjara: (i) li l-aġir tal-intimati jew min minnhom huwa illegali, u jilledi d-drittijiet tiegħu kif protetti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea; (ii) li l-*proviso* tal-artikolu 5(1)(b) tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament fir-rigward tal-ammont massimu li r-rikorrent jista' annwalment jipperċepixxi, jilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent bi ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Talab ukoll: (iii) li jingħata kumpens xieraq għal dan il-ksur; (iv) li l-Qorti tiddikjara li t-trapass taż-żmien u d-dewmien irraġonevoli li ttieħed sabiex jiġu konklużi l-proċeduri kriminali in kwistjoni, illedew id-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tiegħu

kif sanċiti fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

7. Min-naħa tagħhom l-intimati wieġbu li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt. In linea preliminari qalu li l-proċeduri huma intempestivi għaliex il-proċeduri kontra r-rikorrent għad fadlilhom biex jingħalqu, u għalhekk huwa prematur għalih li jitkellem dwar ksur ta' smigħ xieraq. Qalu wkoll li l-Avukat Ġenerali mhux leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, u huwa l-Avukat tal-Istat li għandu jwieġeb f'ċirkostanzi bħal dawn.

8. L-intimati qalu li sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx dewmien irraġonevoli fi proċeduri li jittieħdu kontra persuna, trid issir analiżi tal-kumplessità tal-każ, tal-aġir tal-partijiet fil-kawża, u tal-aġir tal-awtoritajiet rilevanti. Qalu li m'hemm l-ebda terminu ta' żmien li fih il-Qorti trid tikkonkludi l-proċeduri kriminali kontra persuna, u kull każ irid jiġi studjat fuq il-merti tiegħu. Qalu wkoll li r-rikorrent ġie akkużat b'pussess ta' sittax-il kilogramma droga, u għalhekk kellha tiġi eżerċitata l-kawtela kollha sabiex jiġu ppreżentati l-aħjar provi fl-interess tal-ġustizzja. L-intimati qalu li għalhekk għandha tinġieb prova mhux biss li kien hemm dewmien, iżda li dan id-dewmien kien kapriċċuż u maħsub biex jiżvantaġġa lir-rikorrent. Qalu li għalhekk m'hemm l-ebda ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq.

9. B'riferiment għall-Ordni ta' Friżar, l-intimati qalu li din l-Ordni ma nħarġitx taħt il-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, u fil-każ odjern m'hemm l-ebda akkuża ta' ħasil ta' flus fil-konfront tar-rikorrent. Qalu li din il-miżura ttieħdet taħt il-Kap. 101 u l-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex ir-rikorrent qiegħed jiġi akkużat b'reati li jaqgħu taħt l-Att dwar il-Mediċini Perikolużi. Qalu li min-naħa tal-awtoritajiet ġudizzjarji, kollox sar fil-parametri tal-liġi, u mhux minnu li r-rikorrent ġarrab ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-Ewwel

Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Qalu li t-talba għall-imblukkar tal-proprjetà hija prerogattiva tal-Prosekuzzjoni, u l-mod kif tintlaqa' mill-Qorti f'każijiet bħal dawn huwa regolat bil-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. L-intimati spjegaw ukoll li r-reat li jinsab mixli bih ir-rikorrent huwa kklassifikat bħala 'reat rilevanti', u għalhekk il-proprjetajiet tar-rikorrent jibqgħu ffriżati sakemm ikun hemm sentenza finali. Qalu wkoll li meta saret it-talba għall-Ordni ta' Friżar mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti setgħet jew tilqa' jew tiċħad it-talba, u fil-każ odjern il-Qorti ddeċidiet li tilqa' t-talba. L-intimati qalu li l-Ordni ta' Friżar mhijiex piena, imma miżura kawtelatorja, u fi kwalunkwe każ, l-ammont ta' €13,976.24 huwa aktar mill-paga minima nazzjonali. Qalu wkoll li r-rikorrent ma jistax jippretendi li meta qiegħed jiġi akkużat li kkommetta jew assoċja ruħhu biex jikkommetti reat gravi, huwa jibqa' jgħix ħajtu mingħajr restrizzjonijiet.

10. L-intimati eċċepew ukoll li l-artikolu 22A tal-Kap. 101, u l-artikolu 5 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, joffru tliet rimedji separati, jiġifieri l-possibilità ta' ħlas lil kreditur *bona fide* li kellu relazzjoni mal-akkużat qabel il-ħruġ tal-Ordni ta' Friżar; it-trasferiment ta' mobbli jew immobbli għal raġuni tajba; u r-rimedju tal-varjazzjoni. Qalu li fil-każ in eżami għandu jirriżulta li r-rikorrent għamel użu minn tal-inqas minn wieħed minn dawn ir-rimedji sabiex effettwa ħlasijiet fuq self mill-bank. Qalu li għalhekk fil-każ odjern ma kien hemm l-ebda dewmien irraġonevoli li lleda d-drittijiet tar-rikorrent, u fil-kuntest ta' dan kollu t-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda.

## Provi u Riżultanzi

11. Waqt l-udjenza tas-17 ta' Marzu, 2023, xehdet **Denise Magrin**, Kap tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO)[2], li ppreżentat diversi dokumenti,

[2] *A fol.* 34 tal-proċess.

fosthom ir-*retail price index* tul is-snin, li ġie ippubblikat mill-NSO.[3] Din ix-xhieda tressqet bħala prova tal-mod kif żdiedet ir-rata tal-inflazzjoni tul is-snin.

12. Waqt l-udjenza tal-10 ta' Mejju, 2023, xehdet **Marica Mifsud, Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali**[4], li ppreżentat vera kopja tal-atti fl-ismijiet 'Il-Pulizija *vs.* Matthew Farrugia', u 'Repubblika ta' Malta kontra Matthew Farrugia'.[5]

13. Waqt l-udjenza tal-10 ta' Mejju, 2023 xehed ukoll l-**Avukat Herman Mula**, eks-Spettur tal-Pulizija[6], li qal li huwa kien mexxa l-investigazzjonijiet tal-Pulizija fil-każ tar-rikorrent. Ix-xhud ikkonferma li flimkien mar-rikorrent, tressqu diversi persuni oħra quddiem il-Qorti Kriminali. Ix-xhud ikkonferma li eventwalment ittieħdet id-deċiżjoni li l-proċeduri kriminali kontra dawn il-persuni jitmexxew b'mod separat, u li l-kawżi ma jimxux flimkien. Qal li dawn il-persuni tressqu bħala xhieda fil-kawżi ta' xulxin, u lkoll kemm huma għażlu li ma jixhdux fil-konfront ta' xulxin. Ix-xhud ikkonferma li sakemm kien għadu qiegħed jinvestiga l-każ hu, kien hemm ordni ta' friżar tal-assi, iżda qal li xi żmien wara huwa ma baqax aktar fil-Korp tal-Pulizija, u għalhekk ma jafx x'ġara wara li huwa telaq mill-Korp.

14. Waqt l-istess udjenza, xehed **Dr Ishmael Buttigieg** mill-Uffiċċju tal-Irkupru tal-Assi[7], li qal li kien hemm ordni ta' friżar u ordni ta' varjazzjoni fil-konfront tar-rikorrent. Ix-xhud qal li kemm ilhom għaddejjin il-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent, kien hemm varjazzjoni waħda, li kienet inħarġet fl-4 ta'

[3] *A fol.* 37 tal-proċess.
[4] *A fol.* 41a tal-proċess.
[5] *A fol.* 48 *et seq.* tal-proċess.
[6] *A fol.* 1227a tal-proċess.
[7] *A fol.* 1227D tal-proċess.

Diċembru, 2014, fejn ir-rikorrent kien ħallas xi flus lill-Bank of Valletta fuq self għal xiri ta' dar.

15. Fl-*affidavit* tiegħu, ir-rikorrent **Matthew Farrugia**[8] qal li huwa ilu għaddej bi proċeduri kriminali kontrih minn Settembru tal-2014, u minn dak iż-żmien ħajtu nbidlet għall-agħar. Spjega li sa minn meta ġew mibdija dawn il-proċeduri kontra tiegħu, huwa beda jsofri minn problemi fiżjoloġiċi u psikoloġiċi, u l-ħin kollu jinkwieta. Qal li d-dewmien fil-proċeduri affettwah finanzjarjament b'mod negattiv, batew uliedu u bata wkoll hu għaliex huwa diffiċli għalih li jippjana l-futur. Qal li qiegħed iħossu affettwat negattivament anki minħabba fl-impożizzjoni li jirrinkaża sa ċertu ħin, u għalhekk għandu bżonn jitlob permess biex ikun jista' jittardja barra d-dar, anki meta jkollu xi okkażjoni tal-familja. Qal li l-iffriżar tal-assi affettwah ħażin ukoll, tant hu hekk huwa qabel kellu kumpannija tiegħu fejn kien jimporta oġġetti tad-dar minn diversi pajjiżi madwar l-Ewropa. Qal li kellu wkoll ħanut tal-pastizzi, u ħanut tal-*fish and chips.* Spjega li llum il-ġurnata huwa jaħdem bħala lavrant f'ħanut tal-pastizzi, u jgħix bil-*minimum wage,* bir-riżultat li qiegħed isibha diffiċli biex ilaħħaq mal-ħajja. Kompla jgħid li qabel ma nbdew dawn il-proċeduri kriminali kontra tiegħu, huwa kien biħsiebu jibni xi appartamenti, imma għalkemm inħarġu l-permessi relattivi, issa ma jistax jibni. Qal li lanqas self mill-bank in konnessjoni man-negozju tiegħu ma jista' jieħu. Kompla jgħid li għandu wkoll xi proprjetà li ma jistax ibiegħha, filwaqt li għandu diversi vetturi bil-liċenzji magħluqa għaliex ħadd ma jrid jassigurahom. Ir-rikorrent qal li huwa jħossu mkisser b'din is-sitwazzjoni, għaliex ma jafx x'għad jiġri fil-futur. Qal li huwa għandu żewġt itfal, u huwa nannu ta' tnejn, u minkejja l-appoġġ li jagħtuh tal-familja, il-ħajja hija ferm diffiċli għalihom fil-preżent.

[8] *A fol.* 1235 tal-proċess.

16. Il-Qorti sejra tagħmel sunt qasir tal-verbali tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-proċeduri kontra l-imputat, hawnhekk ir-rikorrent, Matthew Farrugia, u sejra tagħmel riferiment ukoll għall-provi li tressqu waqt kull udjenza, sabiex jiġi stabbilit jekk kienx hemm dewmien li seta' jiġi evitat, bi ksur tad-dritt li għandu r-rikorrent għal smigħ xieraq.[9]

- *Mill-atti jirriżulta li r-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fit-3 ta' Settembru, 2014, fejn ġie akkużat li fl-1 ta' Settembru, 2014 u fil-ġimgħat ta' qabel, assoċja ruħhu ma' persuna jew persuni oħra sabiex ibiegħ jew jittraffika mediċina perikoluża (il-pjanta tal-cannabis) bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali organizzazzjoni; li importa jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tiġi importata mediċina perikoluża (il-pjanta cannabis) f'Malta bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta); biegħ jew xort'oħra ttraffika l-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-artikolu 8(e) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), u li kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu. Ir-rikorrent wieġeb li mhuwiex ħati għal dawn l-akkużi, iżda l-Qorti laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni fir-rigward tal-iffriżar tal-assi tiegħu, u laqgħet it-talba tad-difiża għall-ħelsien mill-arrest tar-rikorrent b'numru ta' kundizzjonijiet.*
- *Fil-5 ta' Settembru, 2014, l-Avukat Ġenerali ppreżenta rikors quddiem il-Qorti Kriminali[10], fejn talab għall-arrest mill-ġdid u għad-detenzjoni tar-rikorrent, u dan stante li fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, senjatament in vista tan-natura tar-reat u in vista tal-istadju bikri ferm tal-proċeduri, ir-rikorrent ma kellux jingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest. L-Avukat Ġenerali qal ukoll li l-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest tar-rikorrent ma kinux dawk idonei, u spjega li minflok il-kundizzjoni tad-depożitu, ir-rikorrent kellu jintalab jipprovdi terz idoneju sabiex jagħmel tajjeb hu f'każ ta' ksur ta' xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest tar-rikorrent.*

[9] L-inkartament tal-proċeduri kriminali jifforma parti integrali minn dawn il-proċeduri u jinsab esebit a fol. 48 *et seq* tal-proċess.
[10] *A fol.* 70 tal-proċess.

- *Il-Qorti Kriminali, b'digriet tat-12 ta' Settembru, 2014*[11]*, ċaħdet it-talba għall-arrest mill-ġdid tar-rikorrent, u ċaħdet ukoll it-talba għall-modifika jew għall-varjazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, iżda ddeċidiet li ladarba d-depożitu huwa rreġistrat fuq isem ir-rikorrent, fl-eventwalità ta' ħtija dan għandu jkun suġġett għall-konfiska flimkien mal-kumplament tal-assi tiegħu.*
- *Ir-rikorrent fil-5 ta' Settembru, 2014 ippreżenta rikors quddiem il-Qorti Kriminali*[12]*, fejn spjega li huwa negozjant, u li konsegwenza tal-fatt li l-assi tiegħu ġew iffriżati, huwa ma setax ikompli bin-negozju tiegħu, li huwa l-uniku sors ta' għajxien għalih u għall-familja tiegħu. Ir-rikorrent għalhekk talab għar-revoka tal-Ordni ta' Friżar u għar-rilaxx tal-assi tiegħu. Din it-talba ġiet miċħuda mill-Qorti Kriminali b'digriet tat-12 ta' Settembru, 2014.*
- *Permezz ta' rikors ippreżentat mir-rikorrent fil-21 ta' Ottubru, 2014 quddiem il-Qorti Kriminali*[13]*, huwa spjega li jiġġestixxi negozju flimkien ma' martu, u li għalhekk ikollu bżonn isiefer f'diversi pajjiżi madwar l-Ewropa. Ir-rikorrent qal li għalhekk huwa jixtieq li l-Qorti tneħħilu l-kundizzjoni li ma jistax isiefer minn Malta. Permezz ta' rikors separat ippreżentat fl-istess ġurnata*[14]*, ir-rikorrent spjega li huwa għandu tliet loans pendenti mal-Bank of Valletta, u talab permess sabiex ikun jista' jagħmel il-ħlasijiet relattivi f'dawn il-kontijiet, wara li l-bank irrifjuta l-ħlasijiet dovuti lilu in vista tal-Ordni ta' Friżar imposta fuq ir-rikorrent.*
- *Waqt l-udjenza tal-21 ta' Ottubru, 2014 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, xehdu l-PC 10 Trevor Cassar Mallia, l-Ispettur Herman Mula, PS 579 Antoine Micallef, PC 773 Ryan Tonna u PS 1086 Johann Micallef, li lkoll taw dettalji dwar il-mod kif sar l-arrest tar-rikorrent.*[15]
- *Waqt l-udjenza tat-30 ta' Ottubru, 2014 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, xehed Joseph Caruana in rappreżentanza tal-Bank of Valletta, li ta dettalji dwar il-kontijiet bankarji tar-rikorrent.*[16]
- *Waqt l-udjenza tal-4 ta' Diċembru, 2014, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja kompliet tisma' x-xhieda tal-Ispettur Herman Mula, li ta dettalji dwar il-mod kif sar l-arrest tar-rikorrent, wara li parti mix-xhieda preċedenti tiegħu kienet nieqsa mit-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu.*[17]
- *Waqt l-udjenza tat-13 ta' Jannar, 2015, xehdu PS 829 Stephen Micallef u WPS 127 Carmen Gauci.*[18]

---

[11] *A fol.* 74 *retro* tal-proċess.
[12] *A fol.* 75 tal-proċess.
[13] *A fol.* 79 *retro* tal-proċess.
[14] *A fol.* 80 tal-proċess.
[15] *A fol.* 93 *et seq.* tal-proċess.
[16] *A fol.* 110 tal-proċess.
[17] *A fol.* 128 tal-proċess.
[18] *A fol.* 136 tal-proċess.

- *Waqt l-udjenza tat-28 ta' Jannar, 2015, xehdu Dr Steven Farrugia Sacco, PS 385 Emanuel Dalli, PS 122 Arthur Borg, PS 404 Paul Camilleri u Karen Cremona.*[19]

- *Waqt l-udjenza tal-11 ta' Marzu, 2015 xehed Godwin Sammut, li ġie maħtur mill-Qorti sabiex jagħti valur lid-droga misjuba dakinhar li ġie arrestat ir-rikorrent. Waqt l-istess udjenza xehed Jonathan Tabone, li ppreżenta l-manifesti tal-vjaġġi li għamel ir-rikorrent bejn Malta u Sqallija fid-29 t'Awwissu, 2014 u fil-31 t'Awwissu, 2014 mal-kumpannija Virtu Ferries.*[20]

- *Fid-19 ta' Frar, 2015, ir-rikorrent intavola rikors quddiem il-Qorti Kriminali fejn spjega li hu u martu huma sidien tal-fond 'Marfrank', Triq Luqa Briffa, il-Gżira, liema fond kien ġarrab ħsarat estensivi minħabba ħruq.*[21] *Ir-rikorrent spjega li huwa ma kellux il-mezzi finanzarji biex jibni dan il-fond mill-ġdid, u għalhekk kien laħaq ftehim ma' żviluppatur sabiex iwaqqa' dan il-fond u minflok jibni żewġ appartamenti u penthouse. Skont dan il-ftehim, ir-rikorrent u martu kellhom jingħataw il-penthouse, filwaqt li l-appartamenti kellhom jiġu ttrasferiti lil terzi bir-rikavat tagħhom jitħallas lill-iżviluppatur. Ir-rikorrent għalhekk talab lill-Qorti tirrevoka l-Ordni ta' Friżar oriġinali u tirrilaxxa l-imsemmi fond. L-Avukat Ġenerali oppona għat-talba kif proposta. Din it-talba tar-rikorrent ġiet miċħuda mill-Qorti Kriminali permezz ta' digriet tat-3 ta' Ġunju, 2015.*

- *Fil-frattemp tkomplew il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, fejn waqt l-udjenza tat-22 ta' April, 2015 instemgħet ix-xhieda ta' Alexia Attard.*[22]

- *Waqt l-udjenza tas-27 ta' Mejju, 2015 instemgħet ix-xhieda ta' PS 659 Jeffrey Hughes.*[23]

- *Waqt l-udjenza tat-8 ta' Lulju, 2015, deher l-Ispettur Malcolm Bondin għall-Prosekuzzjoni, li qal li minkejja li kienet inħarġet taħrika lix-xhud Dr John Seychell Navarro sabiex dan jidher quddiem il-Qorti u jagħti d-depożizzjoni tiegħu, dan ix-xhud baqa' ma deherx. Is-seduta tal-5 t'Awwissu, 2015 ġiet differita b'ordni tal-Qorti.*[24]

- *Waqt l-udjenza tas-16 ta' Settembru, 2015, il-Qorti ġiet infurmata li l-esperti indikati f'rekwiżit (b) tar-rinviju tal-Avukat Ġenerali tas-7 ta' Settembru, 2015 kienu waslu biex jikkonkludu r-rapport tagħhom, iżda għal dik is-seduta ma kienx hemm xhieda mħarrka.*[25] *Is-seduta tat-22 ta' Ottubru, 2015 ġiet differita.*

---

[19] *A fol.* 140 tal-proċess.
[20] *A fol.* 149 *et seq.* tal-proċess.
[21] *A fol.* 187 tal-proċess.
[22] *A fol.* 212 tal-proċess.
[23] *A fol.* 222 tal-proċess.
[24] *A fol.* 226 tal-proċess.
[25] *A fol.* 229 tal-proċess.

- *Waqt l-udjenza tal-5 ta' Novembru, 2015, xehed bil-ġurament PS 659 Jeffrey Hughes. Il-Prosekuzzjoni talbet għall-ħatra ta' espert sabiex jagħmel eżami komparattiv tal-impronti diġitali li rriżultaw mir-relazzjoni ta' PS 659 Jefffey Hughes, u dawk tar-rikorrent.*[26]
- *Waqt l-udjenza tat-28 ta' Jannar, 2016 xehdu WPS 262 Diane Galea u Joseph Mallia.*[27]
- *Waqt l-udjenza tal-10 ta' Marzu, 2016 xehed Joseph Mallia, filwaqt li l-Prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti li l-aħħar xhud tagħha f'dawn il-proċeduri huwa r-Reġistratur tal-Qorti.*[28]
- *Waqt l-udjenza tal-21 ta' April, 2016, xehed Dr John Seychell Navarro. F'dik is-seduta, il-Prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti li kien fi ħsiebha tagħmel kuntatt mal-Avukat Ġenerali sabiex tkun f'pożizzjoni aħjar li tiddikjara jekk il-Prosekuzzjoni għandhiex aktar provi xi tressaq.*[29]
- *Waqt l-udjenza tat-2 ta' Frar, 2016, il-Qorti rat ir-rinviju tal-Avukat Ġenerali tal-25 ta' Mejju, 2016, u wara li ħadet konjizzjoni tal-istess, laqgħet it-talba tal-Avukat Ġenerali sabiex is-safety deposit box li r-rikorrent kellu fil-Bank of Valletta, tinfetaħ fil-preżenza tal-partijiet sabiex isir inventarju tal-kontenut tagħha. Il-Qorti ħatret lil Vincent Ciliberti sabiex iħejji dan l-inventarju.*[30]
- *Waqt l-udjenza tal-14 ta' Lulju, 2016, kemm Vincent Ciliberti kif ukoll Dr John Seychell Navarro, infurmaw lill-Qorti li kienu għadhom ma espletawx l-inkarigu mogħti lilhom, u li ċ-ċavetta tas-safety deposit box li r-rikorrent kellu fil-Bank of Valletta kienet mitlufa. Il-Qorti awtorizzat l-isgass tal-istess.*[31]
- *Waqt l-udjenza tas-6 ta' Ottubru, 2016, xehdu bil-ġurament Vincent Ciliberti u Dr John Seychell Navarro.*[32]
- *Waqt l-udjenza tas-17 ta' Novembru, 2016, il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kienx fadlilha aktar provi xi tressaq f'dan il-każ, u għalhekk il-provi tagħha huma magħluqa.*[33]
- *Fin-nota ta' rinviju tal-Avukat Ġenerali tad-19 ta' Diċembru, 2016, dan talab lill-Qorti Istruttorja tisma' lid-Deputat Reġistratur tal-Qorti sabiex tesebixxi kopja legali tal-procès verbal numru 647/2016 dwar ix-xhieda ġuramentata ta' Jomic Calleja tal-5 ta' Settembru, 2016, liema procès verbal jinsab esebit quddiem il-Qorti*

---

[26] *A fol.* 233 tal-proċess.
[27] *A fol.* 250 tal-proċess.
[28] *A fol.* 257 tal-proċess.
[29] *A fol.* 261 tal-proċess.
[30] *A fol.* 263 tal-proċess.
[31] *A fol.* 268 tal-proċess.
[32] *A fol.* 274 tal-proċess.
[33] *A fol.* 282 tal-proċess.

*fi proċeduri separati fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs David Lee Rogers', kif ukoll sabiex tieħu konjizzjoni ta' kull prova oħra li l-pulizija jidhrilha xierqa li tressaq f'dan il-każ.*[34] *Talba identika reġgħet saret mill-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju tat-30 ta' Jannar, 2017.*[35] *Waqt l-udjenza tad-9 ta' Frar, 2017, il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja semgħet ix-xhieda tad-Deputat Reġistratur tal-Qorti, li ppreżentat kopja legali tax-xhieda ġuramentata ta' Jomic Calleja, filwaqt li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar xhieda xi tressaq f'dik is-seduta.*[36]

- *Fin-nota ta' rinviju tad-9 ta' Marzu, 2017, l-Avukat Ġenerali talab lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja fl-istadju opportun tisma' x-xhieda ta' Jomic Calleja, ta' Angel Attard, ta' David Lee Rogers, u ta' Jeanette Farrugia, kif ukoll talabha tieħu konjizzjoni ta' kull prova oħra li tista' titressaq mill-Prosekuzzjoni fir-rigward.*[37]
- *Waqt l-udjenza tat-23 ta' Marzu, 2017, il-Qorti semgħet ix-xhieda ta' Angel Attard. Il-Prosekuzzjoni infurmat lil-Qorti li Jomic Calleja, Angel Attard u David Lee Rogers, huma lkoll akkużati mar-rikorrent, u li Jeanette Farrugia hija l-mara tar-rikorrent fil-proċeduri odjerni. Angel Attard, minkejja li tela' fuq il-pedana tax-xhieda, informa lill-Qorti li kien qiegħed jagħżel li ma jixhidx fil-proċeduri kontra r-rikorrent.*[38]
- *Waqt l-udjenza tal-4 ta' Mejju, 2017, dehru quddiem il-Qorti David Lee Rogers u Jomic Calleja, u t-tnejn li huma nfurmaw lill-Qorti li kienu qegħdin jagħżlu li ma jixhdux.*[39]
- *Waqt l-udjenza tal-15 ta' Ġunju, 2017, il-Prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti li kellha lil PC 365 Malcolm Grixti u lil PS 1163 Frans Schembri imħarrkin, imma, baqgħu ma dehrux. Għal kull buon fini, il-Qorti ġiet infurmata li dawn iż-żewġ membri tal-Korp tal-Pulizija kienu impenjati b'ħidma b'rabta mal-Presidenza ta' Malta fi ħdan il-Kunsill Ewropew.*[40]
- *Waqt l-udjenza tas-26 ta' Lulju, 2017, xehdu Geneve Farrugia, PS 1163 Frans Schembri, u PS 839 Stephen Micallef.*[41] *Geneve Farrugia infurmat lill-Qorti tal-Maġistrati li hija mart l-imputat, hawnhekk ir-rikorrent, u għalhekk kienet qiegħda tagħżel li ma tixhidx fil-proċeduri kontra żewġha.*

---

[34] *A fol.* 287 tal-proċess.
[35] *A fol.* 292 tal-proċess.
[36] *A fol.* 292(b) tal-proċess.
[37] *A fol.* 293 *retro* tal-proċess.
[38] *A fol.* 294 tal-proċess.
[39] *A fol.* 296 tal-proċess.
[40] *A fol.* 298(b) tal-proċess.
[41] *A fol.* 306 tal-proċess.

- *Waqt l-udjenza tat-18 ta' Ottubru, 2017, xehdu Stephen Cachia, l-Ispettur Pier Guido Saliba, u PC 365 Malcolm Grixti.*[42]

- *Waqt l-udjenza tad-29 ta' Novembru, 2017, il-Qorti reġgħet għamlet riferiment għar-rikors ta' Geneve Farrugia tat-28 ta' Novembru, 2017, u wara li kkonsidrat li t-terminu konċess lill-Avukat Ġenerali għall-preżentata tar-risposta tiegħu kien għadu għaddej, irriservat li tipprovdi ulterjorment ladarba l-Avukat Ġenerali jippreżenta r-risposta tiegħu.*[43] *Il-Qorti tat digriet fit-30 ta' Novembru, 2017, fejn ċaħdet it-talba ta' Geneve Farrugia għar-rilaxx tal-vettura li hija tgħid li hija proprjetà tagħha, li nżammet mill-Pulizija għaliex kienet tammonta għal corpus delicti.*[44]

- *Waqt l-udjenza tas-7 ta' Frar, 2018, xehed PS 1163 Frans Schembri, li ppreżenta kopja tal-filmat tal-controlled delivery li saret fuq Angie Attard.*[45]

- *Waqt l-udjenza tal-21 ta' Marzu, 2018, il-Qorti semgħet ix-xhieda ta' Joseph Borg, li informa lill-Qorti li kien qiegħed jagħżel li ma jixhidx fil-proċeduri kontra Matthew Farrugia.*[46]

- *Waqt l-udjenza tal-25 ta' April, 2018, il-Prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti li hija ma kellhiex xhieda oħra xi tressaq, u li għalhekk kienet għalqet il-provi tagħha.*[47] *Waqt l-udjenza tas-6 ta' Ġunju, 2018, il-Prosekuzzjoni għal darb'oħra infurmat lill-Qorti tal-Maġistrati li hi ma kellhiex xhieda oħra xi tressaq fil-każ.*[48]

- *Waqt l-udjenza tat-18 ta' Lulju, 2018, il-Prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti tal-Maġistrati li ma kellhiex xhieda oħra xi tressaq f'dan il-każ, u b'hekk għalqet il-provi tagħha.*[49]

- *Waqt l-udjenza tat-3 ta' Ottubru, 2018, il-Prosekuzzjoni għal darba oħra ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq. Din id-darba, il-Qorti tal-Maġistrati osservat li din ma kinitx l-ewwel darba li saret dikjarazzjoni bħal din mill-Prosekuzzjoni, u għalhekk stiednet lill-Avukat Ġenerali jara x'għandu jagħmel sabiex jiġi evitat aktar dewmien f'dawn il-proċeduri. Waqt dik l-udjenza, il-Qorti tal-Maġistrati semgħet sottomissjonijiet dwar rikors li kien għamel ir-rikorrent sabiex jiġi awtorizzat isiefer.*[50]

---

[42] *A fol.* 316 tal-proċess.
[43] *A fol.* 324(b) tal-proċess.
[44] *A fol.* 325 tal-proċess.
[45] *A fol.* 330 tal-proċess.
[46] *A fol.* 334 tal-proċess.
[47] *A fol.* 336(b) tal-proċess.
[48] *A fol.* 341 tal-proċess.
[49] *A fol.* 348(b) tal-proċess.
[50] *A fol.* 354(b) tal-proċess.

- *Waqt l-udjenza tas-7 ta' Novembru, 2018, il-Prosekuzzjoni għal darb'oħra spjegat li ma kellha l-ebda provi xi tressaq f'dawn il-proċeduri.*[51] *Dikjarazzjoni simili saret waqt l-udjenza tat-30 ta' Jannar, 2019.*[52]

- *Waqt l-udjenza tas-6 ta' Marzu, 2019, il-Qorti tal-Maġistrati rrilevat li l-Avukat Ġenerali kien bagħat l-atti proċesswali dakinhar stess, u għalhekk il-Prosekuzzjoni ma kellhiex ċans tħarrek liż-żewġ xhieda msemmija mill-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju tiegħu.*[53]

- *Waqt l-udjenza tal-10 ta' April, 2019, il-Qorti rat ir-rinviju tal-Avukat Ġenerali tat-8 ta' April, 2019, fejn ġew elenkati numru ta' xhieda li kellhom jitħarrku sabiex jagħtu d-depożizzjoni tagħhom, iżda l-Prosekuzzjoni qalet li ma kellhiex ċans tħarrek lil dawn ix-xhieda.*[54]

- *Waqt l-udjenza tat-22 ta' Mejju, 2019, xehdu Alexia Attard, Dr Anthony Bonnici u Dr Stefanie Zarb.*[55]

- *Waqt l-udjenza tat-3 ta' Lulju, 2019, xehdet Marisa Gauci in rappreżentanza tal-kumpannija Vodafone.*[56]

- *L-Avukat Ġenerali, fin-nota ta' rinviju tat-18 ta' Settembru, 2019, talab lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, tisma' lid-Deputat Reġistratur sabiex bil-ġurament tagħha tesebixxi kopja tal-procès verbal tax-xhieda ġuramentata ta' Angel Attard u ta' Matthew Farrugia. Waqt l-udjenza li saret fl-istess ġurnata, il-Qorti stiednet lill-Prosekuzzjoni tara jekk dak mitlub fir-rinviju tal-Avukat Ġenerali jirriżultax diġà fl-atti proċesswali, u fin-nuqqas tistieden lill-prosekuzzzjoni tieħu l-passi neċessarji sabiex dak mitlub mill-Avukat Ġenerali jiġi sodisfatt.*[57]

- *Waqt l-udjenza tat-23 ta' Ottubru, 2019, xehdet Christine Farrugia, li ppreżentat id-dokumenti mitluba mill-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju tiegħu.*[58]

- *Waqt l-udjenza tal-4 ta' Diċembru, 2019, il-Qorti ġiet infurmata li jista' jagħti l-każ li l-Ispettur Mula m'għadux fil-Korp tal-Pulizija, u għalhekk ordnat komunika lill-Assistent Kummissarju Dennis Theuma sabiex permezz ta' nota ppreżentata fl-atti proċesswali jindika min ser ikun l-uffiċjal prosekutur f'dawn il-proċeduri.*[59]

---

[51] *A fol.* 361(b) tal-proċess.
[52] *A fol.* 376(b) tal-proċess.
[53] *A fol.* 379 tal-proċess.
[54] *A fol.* 380(b) tal-proċess.
[55] *A fol.* 383(b) tal-proċess.
[56] *A fol.* 389(b) tal-proċess.
[57] *A fol.* 398 tal-proċess.
[58] *A fol.* 404 tal-proċess.
[59] *A fol.* 416(b) tal-proċess.

- *Waqt l-udjenza tat-8 ta' Jannar, 2020, il-Qorti talbet lill-Prosekuzzjoni tara liema xhieda għad fadal jitressqu f'dawn il-proċeduri min-naħa tal-Prosekuzzjoni, fid-dawl ta' dak mitlub mill-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju tiegħu.*[60]

- *Waqt l-udjenza tat-12 ta' Frar, 2020, il-Prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti li għal dik l-udjenza kienet ħarrket lid-Deputat Reġistratur, u dan fid-dawl ta' dak mitlub mill-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju tiegħu tal-11 ta' Frar, 2020. Il-Qorti stiednet lid-Deputat Reġistratur tagħha sabiex fis-seduta li jmiss taderixxi mat-talba tal-Avukat Ġenerali, u talbet ukoll lill-Prosekuzzjoni tħarrek lil PS 635 Alan Calleja għas-seduta ta' wara.*[61]

- *Waqt l-udjenza tas-7 ta' Ottubru, 2020, xehdet Alexia Attard li esebiet kopja tal-istqarrija ġuramentata ta' Matthew Farrugia nnifsu.*[62]

- *Waqt l-udjenza tat-18 ta' Novembru, 2020, xehed Dr Steven Farrugia Sacco, li kien intalab jagħmel cross match analysis fin-nota ta' rinviju tal-Avukat Ġenerali.*[63]

- *Għall-udjenza tat-3 ta' Frar, 2021, il-Prosekuzzjoni ħarrket lil PS 365 Alan Calleja, li iżda ma deherx sabiex jagħti d-depożizzjoni tiegħu. Il-Qorti talbet lill-Prosekuzzjoni terġa' tħarrek lix-xhud.*[64]

- *Waqt l-udjenza tal-5 ta' Ottubru, 2021, il-Qorti qrat in-nota ta' rinviju tal-Avukat Ġenerali tal-4 ta' Ottubru, 2021, u ordnat lill-Prosekuzzjoni tħarrek lil PS 635 Alan Calleja għall-udjenza ta' wara.*[65]

- *Fl-udjenza tas-16 ta' Novembru, 2021, il-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-PS 635 Alan Calleja ma kienx involut fil-każ odjern. Għal darb'oħra l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma fadlilhiex aktar provi xi tressaq f'din il-kawża.*[66]

- *Waqt l-udjenza tal-15 ta' Marzu, 2022, il-Prosekuzzjoni għal darb'oħra ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'din il-kawża.*[67]

- *Waqt l-udjenza tas-26 ta' April, 2022, il-Prosekuzzjoni għal darb'oħra ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dawn il-proċeduri.*[68]

- *Fl-udjenza tal-1 ta' Ġunju, 2022, għal darb'oħra l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dawn il-proċeduri. L-avukat difensur tal-imputat, hawnhekk ir-rikorrent informa lill-Qorti li kien qiegħed jirriserva l-pożizzjoni tal-*

[60] *A fol.* 418 tal-proċess.
[61] *A fol.* 421 tal-proċess.
[62] *A fol.* 429(b) tal-proċess.
[63] *A fol.* 441(b) tal-proċess.
[64] *A fol.* 449(b) tal-proċess.
[65] *A fol.* 463(b) tal-proċess.
[66] *A fol.* 465 tal-proċess.
[67] *A fol.* 477 tal-proċess.
[68] *A fol.* 479(b) tal-proċess.

*imputat sabiex iressaq lanjanza dwar leżjoni ta' dritt kostituzzjonali minħabba d-dewmien esaġerat u li ilha żmien twil biex tiġi stradata.*[69]

- *Waqt l-udjenza tal-5 ta' Ottubru, 2022, inqrat in-nota ta' rinviju tal-Avukat Ġenerali tas-26 ta' Settembru, 2022, fejn għal darb'oħra talab lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja sabiex meta jkun opportun tisma' lil Jomic Calleja jixhed dwar il-fatti magħrufa minnu. Waqt l-udjenza tal-5 ta' Ottubru, 2022, il-Prosekuzzjoni għal darb'oħra ddikjarat li l-proċeduri fil-konfront ta' Jomic Calleja kienu għadhom pendenti, filwaqt li żiedet li ma kellhiex provi oħra xi tressaq.*[70]
- *L-Att tal-Akkuża fl-ismijiet* ***'Ir-Repubblika ta' Malta vs. Matthew Farrugia' in****ħareġ fl-24 ta' Novembru, 2022, wara li r-r-rikorrent kien fetaħ il-proċeduri odjerni. Il-Qorti tirrileva li fl-atti jirriżultaw diversi talbiet min-naħa tal-Avukat Ġenerali sabiex tingħata estensjoni għat-terminu għall-preżentata tal-Att tal-Akkuża fil-konfront tar-rikorrent.*[71]

## Konsiderazzjonijiet legali

17. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex qabel xejn tikkonsidra l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-intimati, u senjatament l-eċċezzjoni preliminari li dawn il-proċeduri huma intempestivi għaliex il-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent għad fadlilhom biex jingħalqu, u għalhekk huwa prematur għalih li jitkellem dwar ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, u l-eċċezzjoni preliminari l-oħra li l-Avukat Ġenerali mhuwiex leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri.

18. Il-Qorti tirrileva li r-rikorrent fetaħ il-kawża odjerna għaliex jinsab preokkupat li minkejja li l-Prosekuzzjoni ilha aktar minn tmien snin li ddikjarat il-provi magħluqa fil-konfront tiegħu. L-Avukat Ġenerali ddeċida li jipproċedi b'mod li l-kawżi ta' persuni akkużati b'assoċjazzjoni mar-rikorrent jitmexxew b'mod separat mill-kawża tiegħu, u kien hemm anki talbiet sabiex dawn jixhdu fil-kawżi ta' xulxin. Għal dan il-għan l-atti ġew rinvijati diversi drabi, u r-rikorrent

[69] *A fol.* 481 tal-proċess.
[70] *A fol.* 490 tal-proċess.
[71] *A fol.* 1190 tal-proċess.

esprima tħassib għaliex f'diversi seduti ma jirriżulta li sar xejn tanġibbli fil-proċeduri li qegħdin jitmexxew kontra tiegħu, u minħabba f'hekk qiegħed jiġi kkawżat dewmien. Ir-rikorrent jgħid li dan qiegħed isir bi ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit kemm bil-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll bil-Konvenzjoni Ewropea, u l-proċeduri odjerni huma maħsuba sabiex huwa jingħata rimedju għall-allegat ksur li huwa jgħid li qiegħed iġarrab. Il-Qorti ma taqbilx li din il-kawża ġiet istitwita b'mod intempestiv, u dan għaliex ir-rikorrent m'għandux jitħalla f'limbu legali indefinit, u huwa għandu jingħata rimedju effettiv jekk jirriżulta li verament kien hemm ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq. Ir-rikorrent għandu kull dritt jagħti bidu għall-proċeduri kostituzzjonali odjerni, fejn huwa qiegħed jilmenta dwar il-mod li bih qegħdin jitmexxew il-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu, sabiex jekk kien hemm lok li l-affarijiet isiru b'mod differenti ħalli jiġi ggarantit id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fl-aħjar interess tal-ġustizzja, dan ikun jista' jiġi stabbilit u determinat mill-Qorti. Għaldaqstant l-eċċezzjoni preliminari dwar l-intempestività tal-azzjoni attriċi qiegħda tiġi miċħuda.

19. Fit-tieni eċċezzjoni preliminari tagħhom, l-intimati jgħidu li l-Avukat Ġenerali mhuwiex leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, u li huwa l-intimat Avukat tal-Istat li għandu jwieġeb dwar dewmien irraġonevoli. L-artikolu 181B tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

> 181B. (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:
> …
> (2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.

26. Fil-kawża odjerna, ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li (i) l-aġir tal-intimati jew min minnhom huwa illegali u jilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu, kif protetti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [hawnhekk 'il-Konvenzjoni Ewropea']; (ii) li l-impożizzjoni permezz ta' Ordni ta' Friżar ta' ammont massimu annwali li bih ir-rikorrent ikun jista' jgħix u jgħajjex lill-familja tiegħu, jammonta għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea [minn issa 'il-Konvenzjoni']; (iii) li d-dewmien fil-proċeduri kriminali msemmija illeda d-drittijiet fundamentali tiegħu hekk kif sanċiti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u fl-artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [minn issa 'il-Kostituzzjoni']. Il-Qorti hawnhekk tirrileva li filwaqt li l-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern fejn tkun qiegħda tiġi attakkata l-liġi, l-Avukat Ġenerali huwa l-Uffiċjal Prosekutur fil-proċeduri kriminali li qiegħed jaffaċċja r-rikorrent. L-Uffiċjal Prosekutur fil-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent talab li tinħareġ l-Ordni ta' Friżar fil-konfront tiegħu. Id-deċiżjoni li qiegħda tintalab tagħti l-Qorti f'dawn il-proċeduri, mhijiex maħsuba biss biex tolqot il-liġijiet li qegħdin fis-seħħ, iżda tista' taffettwa l-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent li qegħdin jitmexxew mill-Avukat Ġenerali bħala Uffiċjal Prosekutur, in vista tal-fatt li waħda mil-lanjanzi tar-rikorrent hija li kien hemm diversi rinviji tal-atti lura lill-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, u li dan huwa fattur li kkontribwixxa għal aktar dewmien fil-proċeduri kontra tiegħu. Għaldaqstant, bħala parti li tista' tiġi affettwata b'mod dirett bid-deċiżjoni li sejra tingħata mill-Qorti f'dawn il-proċeduri, l-Avukat Ġenerali għandu jkun parti fil-kawża, u għandu jingħata l-opportunità li jressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu għat-talbiet tar-rikorrent, kif ukoll il-provi in sostenn tagħhom. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni preliminari mhijiex mistħoqqa, u sejra tiġi miċħuda.

27. L-ewwel ilment tar-rikorrent huwa li fil-każ odjern kien hemm dewmien mhux ġustifikat biex jiġu konklużi l-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu, bir-riżultat li kien hemm ksur tal-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq. Qal li minkejja li l-Prosekuzzjoni ilha bosta snin li ddikjarat li għalqet il-provi tagħha, l-intimat Avukat Ġenerali uża l-proċedura tar-rinviju, u insista għal aktar provi min-naħa tal-Pulizija. Mill-atti jirriżulta li kien hemm dewmien li huwa dovut ukoll għall-fatt li l-kawża kriminali tar-rikorrent tinsab miexja mal-kawżi ta' diversi ko-akkużati oħra, u għalhekk ingħatat l-impressjoni li kien hemm stennija għall-eżitu ta' proċeduri kriminali separati, qabel ma jkunu jistgħu jiġu konklużi l-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent. Madanakollu, mill-atti mhuwiex ċar f'liema punt ġie deċiż li l-kawża kontra r-rikorrent titmexxa b'mod separat minn dik tal-ko-akkużati l-oħra, u issa li nħareġ l-Att tal-Akkuża fil-konfront tar-rikorrent, mhuwiex ċar jekk inħarġux l-Atti tal-Akkuża fil-konfront tal-persuni oħra mixlija b'assoċjazzjoni miegħu f'dawn ir-reati. Mill-atti jirriżulta li l-ko-akkużati kollha involuti fir-reati li qiegħed ikun mixli bihom ir-rikorrent, liema reati jinkludu l-assoċjazzjoni, il-pussess u t-traffikar ta' droga, ilkoll kemm huma rrifjutaw li jixhdu fil-proċeduri kriminali rispettivi tal-ko-akkużati l-oħra. Mill-att tal-akkuża maħruġ fil-konfront tar-rikorrent, jirriżulta li qiegħda tintalab il-piena massima ta' għomor il-ħabs, u għalhekk ir-reati li huwa akkużat bihom ir-rikorrent huma ta' gravità kbira.

28. Min-naħa tagħhom l-intimati eċċepew li l-Qorti m'hija marbuta bl-ebda *time-limit* li jrid jiġi osservat sabiex il-proċeduri kriminali jinġabu fi tmiemhom, u żiedu jgħidu li kull każ irid jiġi studjat fuq il-merti tiegħu. Spjegaw li r-rikorrent qiegħed jiġi mixli b'reati ta' assoċjazzjoni u involviment fl-ittraffikar ta' madwar sittax-il kilogramma droga *cannabis,* u in vista tal-gravità tar-reat, qiegħda tittieħed ċerta kawtela ħalli jiġi assigurat li jinġabu l-aħjar provi, sabiex

finalment tkun tista' ssir ġustizzja mal-partijiet kollha involuti. L-intimati jikkontendu li mhux kull dewmien fil-proċeduri jammonta għal ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, iżda d-dritt għal smigħ xieraq jinkiser meta jkun hemm dewmien kapriċċuż u maħsub biex jiżvantaġġja lir-rikorrent. Huma spjegaw li trid issir evalwazzjoni ta' tliet fatturi sabiex jiġi determinat jekk hemmx dewmien li jilledi d-drittijiet fundamentali tal-individwu jew le, li huma (i) il-kumplessità tal-każ; (ii) l-aġir tal-partijiet fil-kawża u (iii) l-aġir tal-awtoritajiet rilevanti.

29. L-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi illi:

> "(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."

30. L-artikolu 6 taħt it-Tieni Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi illi:

> "(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri ... ."
>
> (2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix ippruvat ħati skont il-liġi.
>
> (3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:
>
> (a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;
> (b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;
> (ċ) li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;
> (d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;

(e) li jkollu assistenza b’xejn ta’ interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti.”

31. Il-Qorti kkunsidrat l-*iter* proċesswali li segwew il-proċeduri kriminali in kwistjoni, sabiex eventwalment, wara li ġew ippreżentati l-proċeduri odjerni mir-rikorrent, inħareġ l-Att tal-Akkuża fil-konfront tiegħu. Jirriżulta, minn eżami tal-verbali tal-Qorti Istruttorja, li minkejja li l-Prosekuzzjoni kienet ilha xhur jekk mhux addirittura snin li indikat li ma kellha l-ebda xhieda ulterjuri xi tressaq fil-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent, min-naħa tal-Avukat Ġenerali baqgħu jintbagħtu l-atti ta’ rinviju b’talbiet sabiex jixhdu varji persuni, inkluż persuni akkużati b’assoċjazzjoni mar-rikorrent, għalkemm din it-talba da parti tal-Avukat Ġenerali kienet ikkwalifikata bit-terminu *“fi stadju opportun”.* Saru ukoll diversi udjenzi li matulhom ma tressqu l-ebda xhieda, għaliex in-noti ta’ rinviju ma waslux f’ħin adegwat sabiex jinħarġu t-taħrikiet relattivi, filwaqt li f’għadd ta’ udjenzi tressaq xhud wieħed jew ma tressqu l-ebda xhieda, sabiex il-Qorti Istruttorja kellha tagħti appuntament ieħor għall-istess skop. Dawn huma uħud mill-fatturi li kkontribwew għad-dewmien, u fil-fatt jirriżulta li anki l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja irrimarkat dwar dan diversi drabi u talbet lill-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali jirregola l-proċedura li kien qiegħed imexxi biha fil-konfront tar-rikorrent, sabiex jiġi evitat dan id-dewmien. Il-Qorti, filwaqt li tirrikonoxxi l-kumplessità tal-każ in vista tan-numru ta’ persuni allegatament involuti fl-ippjanar u fl-eżekuzzjoni ta’ dak li seħħ, fl-istess waqt ma tistax ma tirrimarkax dwar l-aġir tal-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, li minkejja li kien jaf li l-Prosekuzzjoni ma kienx fadlilha xhieda x’ittella’ quddiem il-Qorti Istruttorja, u minkejja li kien jaf li l-persuni akkużati mar-rikorrent kienu qegħdin jirrifjutaw li jixhdu fil-proċeduri kontra l-ko-akkużati l-oħra, xorta waħda insista, anki fi stadju inoltrat tal-proċeduri, għax-xhieda tagħhom, anki jekk talab li dan isir *“fi stadju opportun”*. Dan ifisser li min-naħa tal-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali,

ma kien hemm l-ebda konsiderazzjoni tal-fatt li b'talba bħal din, il-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent kienu ser jibqgħu jitwalu minn ġimgħa għal oħra, minn xahar għal ieħor, bil-konsegwenzi legali u bl-inkonvenjent u bit-tbatija kollha li dan iġib fuq il-persuna akkużata. Fattur ieħor li wassal għal dewmien, kien il-fatt li kien hemm insistenza fuq xhieda li ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-każ, u fil-fatt kien hemm tliet differimenti li ntalbu sabiex jiġi mħarrek PS 635 Alan Calleja, imma mbagħad irriżulta li dan l-uffiċjal tal-Korp tal-Pulizija ma kellu x'jaqsam xejn mal-investigazzjoni li saret fil-konfront tar-rikorrent, u fil-fatt ma kien hemm l-ebda insistenza ulterjuri għax-xhieda tiegħu. Il-Qorti tqis li minkejja li saru diversi rinviji u differimenti bl-iskop li jinstemgħu aktar xhieda, kien hemm għadd sostanzjali ta' seduti li matulhom ma sar xejn, u fl-aħħar xhur qabel inħareġ l-Att tal-Akkuża fil-konfront tar-rikorrent, ma kien qiegħed isir xejn effettiv sabiex il-proċeduri jingħalqu. Il-fatt li kien hemm seduti li nżammu sabiex saru sottomissjonijiet dwar talbiet partikolari tar-rikorrent, u l-kundizzjonijiet tal-ħelsien tiegħu mill-arrest, ma jfissirx li l-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu kienu mexjin. Il-Qorti tirrileva li kien biss wara li r-rikorrent fetaħ dawn il-proċeduri fejn qiegħed jilmenta dwar ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq, li l-Avukat Ġenerali ppreżenta l-Att tal-Akkuża relattiv.

32. Il-Qorti tqis illi fil-każ in eżami jirriżulta li kien l-aġir tal-Prosekuzzjoni u l-mod kif din għażlet li tipproċedu fil-konfront tar-rikorrent, li wassal għad-dewmien żejjed, u dan id-dewmien jammonta għal ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq. Il-Qorti tirrileva li kull persuna mixlija quddiem Qorti, tibqa' preżunta innoċenti sakemm tinstab ħatja, u d-dewmien sabiex jiġu konklużi proċeduri kriminali fil-konfront ta' persuna, jwassal għal ħafna riperkussjonijiet fuq il-ħajja tal-individwu, fosthom l-ansjetà u l-istat ta'

inċertezza li jkun għaddej minnu, u għal prolungament tal-effetti negattivi li jġibu magħhom is-sanzjonijiet imposti mill-Qrati, inklużi dawk kawtelatorji. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Anton Camilleri *vs.* Avukat Ġenerali**[72], fejn ingħad illi:

*"Illi d-dritt għal smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli, madankollu, mhuwiex xi dritt illimitat, imma huwa dritt regolat raġonevolment bil-proċedura li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien. (fn. 28 Kost.* ***10.6.1966*** *fil-kawża fl-ismjiet* ***Leone Misrahi et vs Rosaria Cassar*** *(mhix pubblikata). Imma dan iġib miegħu wkoll li jekk il-proċedura tistabbilixxi regoli biex bihom jitħaddem is-smigħ kif imiss tal-kawżi, in-nuqqas ta' tħaris tal-istess regoli a skapitu ta' xi parti għandu, fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, iġib miegħu ċensura u jagħti lok għal rimedju, iżjed u iżjed jekk għan-nuqqas ta' tħaris l-imsemmi parti ma jkollha l-ebda sehem jew ħtija;*

*Illi d-dritt fondamentali tal-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa b'mod xieraq u fi żmien raġonevoli jimponi fuq l-Istat li jħares id-Dritt li jassigura l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ ta' sistema effiċjenti ta' amministrazzjoni ta' ġustizzja. Dan jitnissel billi l-Istat jipprovdi strutturi, riżorsi u għodod li bihom il-Qrati jkunu jistgħu jwettqu xogħolhom kif imiss. B'żieda ma' dan, ingħad ukoll li l-investigazzjoni ta' dewmien fis-smigħ ta' kawża m'għandhiex issir sempliċistikament fit-termini dojoq tal-kawża partikolari, imma f'termini usa' li jħaddnu ċ-ċirkostanzi kollha li fihom dik il-Qorti tkun qiegħda taħdem fiż-żmien relattiv; (fn. 29 Kost.* ***27.6.1994*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Brincat vs il-Prim Ministru et*** *(Kollez. Vol.* ***LXXVIII.i.160)****;*

*...*

*Illi għalhekk il-ħtieġa ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, taħt il-Konvenzjoni tinbena fuq il-fatt li (a) id-dewmien iqiegħed fil-periklu l-effettività u l-kredibbilità tal-ġustizzja; (b) il-ħtieġa li l-persuna mixlija tingħata l-opportunità ta' difiża xierqa u effettiva tant li jingħad li "the right to a speedy trial has traditionally been perceived as protecting two basic rights of the accused. First the accused should not for an unduly long period remain in a state of uncertainty about his fate or be subjected to a series of disabilities normally associated with the initiation of criminal proceedings. Secondly speedy proceedings are designed to safeguard the right of the accused to mount an effective defence; the passage of time may result in the loss of exculpatory evidence"(fn. 40 Stephanos Stavros – <u>The guarantees for accused persons under Article 6 of the European Convention on Human Rights</u> – paġ. 77); (ċ) id-dewmien joħloq fil-persuna mixlija li titħalla hekk għal żmien twil stat ta' inċertezza fuq il-*

[72] 22.04.2015

*verdett tal-innoċenza jew il-ħtija tagħha u fuq x'sejjer ikun id-destin tagħha; u (d) id-dewmien ta' proċeduri kriminali għandu efett negattiv fuq il-fama tal-persuna mixlija."*

33. Fil-każ in eżami, il-Qorti tqis li ma kien hemm xejn raġonevoli fid-dewmien li ħadu l-proċeduri quddiem il-Qorti Istruttorja, partikolarment bis-sejħa għax-xhieda ta' persuni li ma kellhomx x'jaqsmu mal-każ, u bl-insistenza fuq ċerti xhieda wara li l-Prosekuzzjoni kienet ilha li ddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Ir-rikorrent spjega x'impatt negattiv kellu dan id-dewmien fuqu u fuq il-ħajja familjari tiegħu. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, id-dewmien u l-impożizzjoni fuq persuni fis-sitwazzjoni tar-rikorrent, li jidhru quddiem il-Qrati, bit-tama li jkunu pass eqreb lejn il-ġurnata li fiha ssir ġustizzja, sabiex imbagħad jiskopru li jkunu dehru quddiem il-Qorti għalxejn, jammonta għal ksur tal-jedd fundamentali tal-individwu għal smigħ xieraq, partikolarment meta dan jiġri b'mod sostnut u ripetut, kif ġara fil-każ odjern. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li f'dan il-każ id-dewmien ippreġudika l-jeddijiet tar-rikorrent għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.

34. Fit-tieni lanjanza tiegħu, ir-rikorrent jgħid li l-Ordni ta' Friżar imposta kontra tiegħu, li ddaħħlet fis-seħħ b'effett mit-3 ta' Settembru, 2014, u li permezz tagħha l-Qorti ordnat li jiġu sekwestrati f'idejn terzi flejjes u proprjetajiet mobbli dovuti jew li jmissu lir-rikorrent bl-eċċezzjoni ta' tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin Euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, hija leżiva tal-jeddijiet proprjetarji tiegħu. Jgħid li l-ammont li persuna milquta minn Ordni bħal din tista' żżomm f'idejha sabiex tkun tista' tgħix hi u tgħajjex lill-familja tagħha, huwa wieħed li baqa' invarjat mill-1997 sallum, minkejja li huwa fatt magħruf li fil-frattemp r-rata tal-inflazzjoni żdiedet sostanzjalment. Dan minkejja li persuni fil-qagħda tar-rikorrent ikollhom iħallsu diversi spejjeż legali u spejjeż oħra, apparti li jinqala' l-mard u l-ħtieġa li jsiru

ħlasijiet għal trattamenti mediċi. Qal li għalhekk hemm żbilanċ u nuqqas ta' proporzjon fis-sofferenza ta' persuna li ġiet akkużata fl-1994, u persuna li ġiet akkużata u li fuqha ġiet imposta Ordni ta' Friżar fi żminijiet riċenti. Qal li l-fatt li huwa jinsab imċaħħad mill-possibilità ta' għajxien diċenti, huwa leżiv tal-jeddijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

35. Fil-każ odjern, l-Ordni ta' Friżar saret taħt l-artikoli 22A u 22B tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u taħt l-artikolu 23A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-artikolu 22A tal-Kap. 101 jgħid illi:

> "22A (1) Meta persuna tiġi akkużata taħt l-artikolu 22, b'bejgħ jew bi traffikar ta' mediċina jew bi promozzjoni, kostituzzjoni, organizzazzjoni jew finanzjament ta' assoċjazzjoni taħt is-subartikolu 1(f) ta' dak l-artikolu jew bir-reat fis-subartikolu 1Ċ tal-istess artikolu, jew bir-reat ta' pussess ta' xi mediċinali, kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma jkunx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-qorti għandha fuq it-talba tal-Prosekuzzjoni tagħmel ordni –
>
> (a) Li jissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew ikunu proprjetà tiegħu, u
> (b) Li jipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli:
>
> Iżda l-qorti għandha f'dak l-ordni tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lil jew jiġu riċevuti mill-akkużat fil-waqt li jkun qed iseħħ dak l-ordni, fejn jiġu speċifikati l-għejjun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inklużi salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jitħallsu lill-akkużat, sabiex huwa u l-familja tiegħu jitħallilhom għajxien deċenti f'ammont, fejn ikun hemm mezzi biżżejjed, ta' tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena:
>
> Iżda wkoll il-qorti tista' barra minn dan –
>
> (a) Tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lill-kredituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u
> (b) Għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli.

(3) Il-qorti tista' f'ċirkostanzi partikolari tibdel dak l-ordni, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel għandhom japplikaw għal dak l-ordni hekk kif mibdul."

36. L-Ordni ta' Friżar in kwistjoni inħarġet fit-3 ta' Settembru, 2014, mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja. L-artikolu 23A tal-Kap. 9 li taħtu inħarġet din l-Ordni, jagħmel riferiment għad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, li jiddefinixxi 'reat rilevanti' bħala:

"kull reat li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja ħlief għal delitt taħt dawk l-Ordinanzi jew taħt l-Att, li għalih tista' tingħata piena ta' priġunerija jew ta' detenzjoni għal żmien ta' aktar minn sena."

37. Dan ifisser li minkejja li r-rikorrent ma jinsabx mixli b'akkużi li jaqgħu taħt il-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, id-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi xorta waħda jirregolaw ċerti aspetti tal-Ordni ta' Friżar li huwa milqut biha r-rikorrent. L-artikolu 5 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, li għalih issir riferiment fl-artikolu 23A(2) tal-Kap. 9, kien jgħid hekk qabel l-emendi ppromulgati bl-Att VI tal-2024:

"5(1) Meta persuna tiġi akkużata taħt l-artikolu 3, il-qorti għandha fuq it-talba tal-Prosekuzzjoni tagħmel ordni –

(a) Li jissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew ikunu proprjetà tiegħu, u

(b) Li jipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli:

Iżda l-qorti għandha f'dak l-ordni tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lil jew jiġu riċevuti mill-akkużat fil-waqt li jkun qed iseħħ dak l-ordni, fejn jiġu speċifikati l-għejjun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inklużi salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jitħallsu lill-akkużat, sabiex huwa u l-familja tiegħu jitħallilhom għajxien diċenti f'ammont, fejn ikun hemm mezzi biżżejjed, ta' tlettax-il elf u disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena:

Iżda wkoll il-qorti tista' barra minn dan –

(a) Tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u

(b) Għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli.

(2) Dak l-ordni għandu –

(a) jibda jseħħ u jorbot lit-terzi persuni kollha immedjatament malli jsir, u d-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi għandu jieħu ħsieb li avviż dwaru jiġi ppubblikat mingħajr dewmien fil-gazzetta, u għandu jieħu ħsieb ukoll li kopja tiegħu tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku dwar proprjetà immobbli, u

(b) jibqa' jseħħ sakemm il-proċedimenti jkunu ġew deċiżi b'mod finali u konkluživ, u fil-każ li persuna tinsab ħatja, sakemm is-sentenza tkun ġiet eżegwita.

(3) Il-qorti tista' f'ċirkostanzi partikolari tibdel dak l-ordni, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel għandhom japplikaw għal dak l-ordni hekk kif mibdul."

38. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Edward Caruana *vs.* Avukat tal-Istat et**[73], fejn din il-Qorti kif diversament preseduta għamlet is-segwenti osservazzjonijiet dwar il-pretensjonijiet tar-rikorrent li l-Ordni ta' Friżar kienet leżiva tal-jeddijiet proprjetarji tiegħu:

*"41. ... tlieta huma l-elementi illi din il-Qorti għandha tindaga jekk jissussistux jew le, sabiex ma tirriżultax leżjoni tad-drittijiet tar-rikorrent ai termini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u ċioe:*

*(a) Il-miżura trid tkun saret taħt qafas legali;*
*(b) L-iskop tagħha jrid ikun leġittimu;*
*(c) Irid jinżamm bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-għan soċjali u l-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent.*

*Jidher illi mhux qed jiġi kontestat illi l-miżura fit-termini tal-Artikolu 23A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikolu 5 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta* ***saru taħt qafas legali*** *u* ***għal għan leġittimu.*** *Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent jiddikjara, "Jibda biex jingħad illi r-rikorrent huwa konxju li l-miżura meħuda mill-Istat saret taħt qafas legali u li l-iskop tal-miżura jista' jservi għan leġittimu." Dan huwa preċiżament dak illi ġie rikonoxxut ukoll mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet* ***Apostolovi v. Bulgaria*** *(App. Nru. 32644/09, Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Ħames Sezzjoni), 7 ta' Frar, 2020 § 20), u ċioe illi Ordni ta' Qbid u Friżar hija, "meant to ensure that the assets at issue would remain available to satisfy a possible confiscation, forfeiture or fine; it thus pursued a*

[73] P.A. (S.K.) 03.03.2023.

*legitimate aim in the general interest." Hekk ukoll f'**Dzinic v. Croatia** (App. Nru. 38359/13, Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Tieni Sezzjoni), 17 t'Awwissu, 2016, §65-66) u ċioe illi Ordni ta' Qbid u Friżar hija, "the application of provisional measures in the context of judicial proceedings, aimed at anticipating a possible confiscation of property, was in the "general interest" of the community. […] The Court therefore accepts that the interference at issue pursued a legitimate aim.*

*…*

*46. Hekk ukoll, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet **Apostolovi v. Bulgaria** suċitata, il-Qorti Ewropea irriteniet:*

> *"95. The main issue is whether there was a reasonable relationship of proportionality between that aim and the means employed to attain it.*
>
> *96. The freezing of assets in the context of criminal proceedings with a view to making them available to satisfy a possible confiscation, forfeiture or fine is not at such open to criticism (see Dzinic, § 68, and Uzan and Others, § 204, both cited above). But since it carries with it a risk of unduly fettering the ability of the people holding rights in those assets freely to dispose of them, it must be attended by enough procedural safeguards to ensure that the measure is not arbitrary or disproportionate (ibid, as well as Piras, cited above, § 55). The available procedures as a whole must afford those affected by the freezing a reasonable opportunity of putting their case to the competent authorities with a view to enabling them to strike a fair balance between the competing interests at stake (see Piras, § 55, and Uzan and Others, § 214, both cited above).*
>
> *97. It must, then, be ascertained whether the relevant procedures, seen as a whole, met this requirement."*

39. Fil-kawża appena ċitata, ir-rikorrent semma diversi raġunijiet għalfejn fil-fehma tiegħu l-Ordni ta' Friżar maħruġ fil-konfront tiegħu ma żammx bilanċ ġust u proporzjonat, u fost l-oħrajn semma kif l-ammont ta' €13,976.25 li huwa seta' jipperċepixxi ta' kull sena, huwa baxx wisq, u li dan l-ammont tul is-snin baqa' l-istess matul is-snin u ma ġiex aġġornat sabiex ikun jirrifletti l-għoli tal-ħajja u ż-żidiet fir-rata tal-inflazzjoni. Imma l-Qorti f'dik is-sentenza ddeċidiet li l-Ordni ta' Friżar xorta waħda tipprovdi għal diversi salvagwardji proċedurali li permezz tagħhom il-persuna milquta tista' ttaffi jew tinnewtralizza xi ftit mill-inkonvenjent li ordni bħal dik iġġib magħha.

40. L-Ordni ta' Friżar fil-konfront tar-rikorrent fil-proċeduri kriminali in kwistjoni, inħarġet taħt l-artikolu 23A tal-Kap. 9, liema artikolu tal-Liġi jipprovdi: (i) li l-akkużat jipperċepixxi ammont massimu ta' €13,976.24 fis-sena, kif regolat bl-artikolu 5(1) tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, qabel dan ġie emendat; (ii) għall-possibilità li l-Qorti tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri *bona fide,* liema djun ikunu saru qabel ma tkun inħarġet l-Ordni ta' Friżar; (iii) għall-possibilità li l-akkużat jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli minkejja li din tkun milquta minn Ordni ta' Friżar; (iv) għall-possibilità li l-akkużat jitlob lill-Qorti tibdel l-Ordni ta' Friżar f'ċirkostanzi partikolari; u (v) għall-possibilità li l-akkużat jitlob għar-revoka tal-Ordni ta' Friżar fi żmien tliet ijiem ta' xogħol mid-data ta' meta saret l-Ordni. Il-Qrati tagħna konsistentement iddeċidew li dawn il-miżuri huma maħsuba biex joħolqu l-element ta' proporzjonalità, li fil-każ odjern ir-rikorrent jallega li huwa nieqes.

41. Ir-rikorrent jikkontendi li l-ammont massimu li seta' jżomm ta' kull sena wara li ġie milqut bl-Ordni ta' Friżar, jiġifieri l-ammont ta' €13,976.24, huwa leżiv tal-jeddijiet fundamentali tiegħu, għaliex ma jieħux in konsiderazzjoni ta' kif żdiedet r-rata tal-inflazzjoni tul is-snin, imma dan l-ammont baqa' invarjat mill-1997 sallum. Jirriżulta li fil-każ odjern kien hemm istanza waħda fejn ir-rikorrent fl-aħħar tmien snin talab għal ordni ta' varjazzjoni, sabiex ikun jista' jħallas self mill-bank, u ma talab li jagħmel użu mill-ebda wieħed mir-rimedji l-oħra maħsuba mil-liġi bl-iskop li jittaffa l-impatt li tinfliġġi Ordni ta' Friżar.

42. Il-Qorti tirrileva li fid-9 ta' Frar, 2024, daħal fis-seħħ l-Att VI tal-2024, li emenda diversi liġijiet li jolqtu r-rikavat mill-kriminalità, fosthom l-artikolu 5(1)(b) tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, li ġie sostitwit bl-artikolu 5 li jgħid illi:

> "Meta persuna tiġi akkużata taħt l-artikolu 3, il-Prosekuzzjoni tista' titlob lill-Qorti tal-Maġistrati għal ordni ta' Friżar u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità għandhom japplikaw."

L-artikolu 36 tal-Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta ġie emendat, sabiex is-sub-inċiż (5)(a) tiegħu issa jgħid illi:

> "Il-Qorti tista' tvarja Ordni ta' Qbid u Friżar permezz ta' rikors mill-persuna imputata jew akkużata. L-imsemmi rikors għandu jkun notifikat lill-Prosekuzzjoni u lid-Direttur. Fuq dak ir-rikors, il-Qorti għandha tiddetermina xi flus jistgħu jitħallsu jew jiġu riċevuti mill-persuna imputata jew akkużata matul il-validità ta' dak l-Ordni, sabiex tippermetti lilu u lill-familja tiegħu għajxien deċenti f'ammont annwali li ma jkunx aktar mill-ammont stabbilit mill-Ministru b'ordni fil-Gazzetta u kull ammont ieħor illi l-Qorti tikkunsidra li jkun ġustifikat sabiex jitħallsu l-ispejjeż neċessarji."

43. Permezz ta' dawn l-emendi leġislattivi, il-leġislatur irrikonoxxa li l-ammont annwali massimu ta' €13,976.24, li ġie stabbilit mil-liġi meta daħlet fis-seħħ 27 sena ilu, seta' ma kienx suffiċjenti biex jippermetti għajxien diċenti lill-imputat u lill-familja tiegħu llum il-ġurnata, tenut kont li l-*purchasing power* tal-flus, is-saħħa tal-flus, naqset sostanzjalment matul is-snin minn meta kienet ġiet ippromulgata l-liġi oriġinarjament. Evidentement persuna fil-posizzjoni tar-rikorrent, 27 sena ilu seta' jagħmel ferm aktar bl-imsemmi ammont ta' flus, milli jista' jagħmel illum. Proprju għalhekk il-leġislatur reċentement ippromulga l-imsemmija emendi leġislattivi, sabiex il-Qorti tkun tista tiddetermina xi flus jistgħu jitħallsu jew jiġu riċevuti mill-persuna imputata jew akkużata matul il-validità ta' dak l-Ordni, sabiex tippermetti lilu u lill-familja tiegħu għajxien deċenti f'ammont annwali li ma jkunx aktar mill-ammont stabbilit mill-Ministru b'ordni fil-Gazzetta tal-Gvern, u kull ammont ieħor illi l-Qorti tikkunsidra li jkun ġustifikat sabiex ikunu jistgħu jitħallsu l-ispejjeż neċessarji. L-ammont massimu ta' flus li persuna għandha titħalla żżomm għall-għajxien tagħha u tal-familja tagħha, għandu jkun ammont suffiċjenti li jkun jaqdi l-bżonnijiet bażiċi tiegħu u

tal-familja tiegħu. Permezz tal-imsemmija emendi leġislattivi, l-imputat jew akkużat ma tħalliex aktar fis-sitwazzjoni fejn kien jiddependi fuq ammont li jista' jiġi varjat skont l-esiġenzi li jinqalgħu lil dik il-familja minn żmien għal żmien, u wara li tkun saret talba appożita lill-Qorti għal dan l-iskop. Din il-possibilità ta' varjazzjoni fl-Ordni ta' Friżar tiddependi għas-suċċess tagħha miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, u mill-esiġenzi ta' min jagħmel it-talba, li jistgħu jinqalgħu minn żmien għal żmien. Sabiex jingħata r-rimedju tal-ordni ta' varjazzjoni, l-imputat irid joqgħod jagħmel rikors sabiex jiġġustifika t-talba tiegħu, billi jispjega r-raġunijiet speċifiċi għalfejn l-Ordni ta' Friżar għandha tiġi modifikata. Mentri b'effett tal-emendi leġislattivi li għadhom kif appena ġew ippromulgati, il-leġislatur iggarantixxa li fi kwalunkwe każ l-imputat u l-familja tiegħu jkollhom biżżejjed flus f'idejhom meħlusa mill-effetti tal-Ordni ta' Iffriżar, li jkunu jippermettulhom għajxien deċenti.

44. Ir-rikorrent jilmenta li l-mod kif tħaddmet l-Ordni ta' Friżar, u t-tul ta' żmien li ilha fis-seħħ din l-Ordni, lilu lledewlu l-jeddijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, li jgħid hekk:

> "Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara għall-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.
>
> Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni."

45. Il-Qorti tqis li l-Ordni ta' Friżar in kwistjoni saret taħt qafas legali u għal għan leġittimu. Bħala regola ġenerali, il-Qrati tagħna jqisu tliet elementi meta jiġu biex jevalwaw jekk tali miżura tkunx leżiva tal-jeddijiet fundamentali tal-individwu, jiġifieri: (i) li l-miżura tkun saret taħt qafas legali; (ii) li l-iskop tagħha

jkun wieħed leġittimu; (iii) li jinżamm bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-għan soċjali u l-ħtieġa tar-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-individwu. Fil-każ odjern, iċ-ċirkostanzi meta ġiet imposta l-imsemmija Ordni, it-tul ta' żmien li matulu din l-Ordni baqgħet fis-seħħ, u l-ammont annwali li r-rikorrent kien permess iżomm sabiex jgħix u jgħajjex lill-familja tiegħu b'mod deċenti ladarba daħlet fis-seħħ din l-Ordni, jimpinġu fuq l-element tal-proporzjonalità li l-Qrati tagħna tant jisħqu fuqha fit-tħaris tal-imsemmi jedd fundamentali. Il-Qorti tqis li għandu raġun ir-rikorrent meta jsostni li fiż-żmien meta daħal fis-seħħ il-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta fl-1997, l-ammont ta' €13,976.24 kien ammont pjuttost sostanzjali, li kien jippermetti familja tgħix b'mod diċenti. Mhux l-istess illum, fejn il-familja għandha bżonn ferm aktar sabiex tleħħaq mal-ħajja, sabiex tixtri l-aktar affarijiet bażiċi. Il-fatt li Ordni ta' Friżar għalkemm hija ntiża bħala miżura kawtelatorja temporanja, fil-każ odjern ipperdurat u kienet ilha fis-seħħ għal aktar minn tmien snin meta ġiet ippreżentata din il-kawża, ifisser li għal bosta snin ir-rikorrent kellu jgħaddi b'ammont ta' flus li huwa inqas minn dak li familja teħtieġ għall-bżonnijiet ta' kuljum. Ir-rimedju tal-varjazzjoni, minkejja li jista' jitqies bħala salvagwardja proċedurali għal persuni fil-qagħda tar-rikorrenti, xorta waħda mhux rimedju adegwat, għaliex l-ammont massimu li persuna għandha titħalla żżomm għall-għajxien tagħha, għandu jkun ammont ta' flus li jippermetti ħajja dinjituża, u mhux li ma' kull intopp jew spiża mhux mistennija, l-individwu jkollu jmur quddiem il-Qrati b'rikors fejn jitlob li jkun hemm varjazzjoni tal-Ordni ta' Friżar.

46. Fl-aħħar nett, ir-rikorrent jilmenta mill-fatt li d-dewmien fil-proċeduri wassal biex baqgħet *in vigore* l-Ordni ta' Friżar fil-konfront tiegħu, u qal li dan l-istat ta' fatt ukoll qiegħed jilledilu l-jeddijiet fundamentali tiegħu minħabba li tul dawn is-snin kollha huwa kellu jsib mod kif jgħix bl-ammont ta' €13,976.24

fis-sena, u għalhekk għandu jirriżulta li d-dewmien fil-proċeduri kontra tiegħu wassal għal prolongazzjoni tal-konsegwenzi tal-Ordni ta' Friżar, li kif diġà ngħad tista' titqies bħala miżura mhux proporzjonata fiċ-ċirkostanzi. Ir-rikorrent jgħid li dan l-istat ta' fatt huwa leżiv tal-jeddijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Aktar 'il fuq f'din is-sentenza, il-Qorti diġà ddikjarat li f'dan il-każ kien hemm dewmien irraġonevoli fil-proċeduri quddiem il-Qorti Istruttorja. Barra minn hekk, f'dawn iċ-ċirkostanzi, Ordni ta' Friżar li tippermetti lir-rikorrent bħala ammont annwali massimu sabiex jgħix u jgħajjex lill-familja tiegħu b'mod diċenti, l-istess ammont li persuna fiċ-ċirkostanzi tar-rikorrent kien jingħata fis-sena 1997, huwa leżiv tal-jeddijiet proprjetarji tal-individwu. Il-fatt li tul is-snin dan l-ammont annwali baqa' invarjat, filwaqt li l-leġislatur ipprovda r-rimedju li individwu jirrikorri quddiem il-Qrati u jitlob varjazzjoni tal-ammont, wara li jispjega għal liema raġuni l-ammont konċess lilu mhux suffiċjenti għall-bżonnijiet tiegħu u tal-familja tiegħu, kompla jipperpetwa l-indinjità u l-leżjoni tad-drittijiet proprjetarji tar-rikorrent.

47. Il-Qorti tqis għalhekk li fir-rigward tal-imsemmi ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent, għandu jingħata rimedju li jmur lil hinn minn sempliċi dikjarazzjoni ta' ksur. Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tistabbilixxi li r-rikorrent għandu jingħata danni morali għal-leżjoni tal-jeddijiet fundamentali tiegħu, liema kumpens qiegħed jiġi ffissat fis-somma ta' disgħat elef Euro (€9,000).

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

**1) Tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-intimati;**

**2) Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-intimati fil-mertu;**

**3) Tilqa' limitatament l-ewwel talba tar-rikorrent fis-sens li tiddikjara li nkiser id-dritt fundamentali tiegħu kif protett bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;**

**4) Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrent fir-rigward tal-ammont annwali li r-rikorrent tħalla jipperċepixxi;**

**5) Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara li r-rikorrent għandu jingħata danni morali fis-somma ta' disgħat elef Euro (€9,000) għal-leżjonijiet sofferti minnu;**

**6) Tilqa' r-raba' talba tar-rikorrent, u tiddikjara li d-dewmien irraġonevoli wassal għal ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent kif protetti bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u minħabba l-mod kif dan id-dewmien irraġonevoli ipprolonga l-effetti tal-Ordni ta' Friżar, kien hemm ukoll ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

**Il-Qorti tordna wkoll lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex f'każ li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, jibgħat kopja tagħha lill-Onorevoli *Speaker* tal-Kamra tad-Deputati kif stabbilit fl-artikolu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-intimat Avukat tal-Istat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**